



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/612**

**ta' 24 ta' Marzu 2025**

**li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta' salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 16 u 20 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 13 u 16 tiegħu,

Billi:

**1. Sfond**

- (1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) <sup>(3)</sup> 2019/159 ("ir-Regolament Definittiv"), il-Kummissjoni Ewropea (il-Kummissjoni) imponiet miżura ta' salvagwardja definittiva fuq ċerti importazzjonijiet tal-azzar ("il-miżura"). Il-miżura tikkonsisti fi kwoti tariffarji ("TRQs") fuq ċerti prodotti tal-azzar ("il-prodott ikkonċernat"), li jkopru 26 kategorija ta' prodotti tal-azzar. It-TRQs huma stabbiliti flivelli li jżommu l-flussi kummerċjali tradizzjonali fuq bażi ta' kull kategorija ta' prodott. Meta t-TRQ rilevanti tiġi eżawrita, jiġi impost dazju barra mill-kwota ta' 25 %. Il-miżura ta' salvagwardja ġiet imposta għal perjodu inizjali ta' tliet snin, sat-30 ta' Ġunju 2021.
- (2) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 <sup>(4)</sup> ("l-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni"), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-miżura għadha meħtieġa biex tipprevjeni jew tirrimedja dannu serju, u li l-industrija tal-Unjoni kienet qed taġġusta. Ikkonkludiet ukoll li l-estensjoni tad-data ta' skadenza tal-miżura kienet fl-interess tal-Unjoni. Għaldaqstant, iddeċidiet li testendi l-miżura ta' salvagwardja sat-30 ta' Ġunju 2024.
- (3) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1782 <sup>(5)</sup> ("it-Tieni Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni"), il-Kummissjoni kkonkludiet li l-estensjoni tal-miżura kienet meħtieġa biex tipprevjeni jew tirrimedja dannu serju, u li tali estensjoni kienet fl-interess tal-Unjoni. Ikkonkludiet ukoll li l-industrija kienet qed taġġusta. Għaldaqstant, iddeċidiet li testendi l-miżura ta' salvagwardja sat-30 ta' Ġunju 2026.

<sup>(1)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/478/oj>).

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/755/oj>).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2019/159/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/159/oj)).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/1029 tal-24 ta' Ġunju 2021 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 biex jestendi l-miżura ta' salvagwardja fuq l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 225 I, 25.6.2021, p. 1, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2021/1029/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/1029/oj)).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1782 tal-24 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159, inkluż l-estensjoni tad-data ta' skadenza tas-salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L, 2024/1782, 25.6.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2024/1782/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1782/oj)).

- (4) Fil-premessa (161) tar-Regolament Definitiv, il-Kummissjoni impenjat ruħha li “twettaq valutazzjoni tas-sitwazzjoni fuq bażi regolari, u tikkunsidra rieżami tal-anqas fl-aħħar ta’ kull sena ta’ impożizzjoni ta’ miżuri”. F’dan l-ispirtu, il-Kummissjoni wettqet tliet investigazzjonijiet ta’ rieżami tal-funzjonament fl-2019 <sup>(6)</sup>, fl-2020 <sup>(7)</sup> u fl-2022 <sup>(8)</sup> rispettivament. F’Ġunju 2023 <sup>(9)</sup> għamlet investigazzjoni ta’ rieżami biex tivvaluta jekk kienx iġġustifikat li l-miżura tiġi tterminata qabel <sup>(10)</sup>.
- (5) Fid-29 ta’ Novembru 2024, il-Kummissjoni rċeviet talba sostanzjata minn tlettax-il Stat Membru biex tibda rieżami tal-funzjonament skont l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(11)</sup> (“ir-Regolament Bażiku dwar is-Salvagwardja”) u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(12)</sup>. It-talba kien fiha evidenza li ċ-ċirkostanzi kienu nbidlu mill-aħħar rieżami tal-miżura. B’mod partikolari, it-talba kien fiha informazzjoni dwar it-tnaqqis fid-domanda għall-azzar fl-Unjoni, li jirriżulta f’diskrepanzi dejjem akbar mal-livell attwali ta’ volumi ta’ kwoti mingħajr dazju, billi dawn kienu qed jiġi liberalizzati kontinwament. Barra minn hekk, iż-żidiet fl-esportazzjoni tal-azzar taċ-Ċina lejn reġjuni ewlenin imbutaw l-esportazzjonijiet minn swieq oħra lejn l-UE.
- (6) Skont it-talba, dawn l-iżviluppi riċenti kienu jsejħu għal rivalutazzjoni tal-allokazzjoni u l-ġestjoni tal-kwoti tariffarji. Fid-dawl tal-Artikolu 20 tar-Regolament Bażiku tal-UE dwar is-Salvagwardja u l-Artikolu 8 tar-Regolament Definitiv, il-Kummissjoni qieset li l-informazzjoni li nġatat, inklużi s-sorsi u l-evidenza ta’ sostenn, tikkostitwixxi bażi suffiċjenti biex tinbeda investigazzjoni.
- (7) Għalhekk, il-Kummissjoni bdiet investigazzjoni ta’ rieżami tal-funzjonament permezz ta’ Notifika ta’ Bidu <sup>(13)</sup> (“in-Notifika”) ippubblikata fl-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fis-17 ta’ Diċembru 2024. Il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jesprimu l-fehmiet tagħhom u jippreżentaw evidenza, b’mod partikolari dwar ir-raġunijiet ta’ rieżami li ġejjin:
- (a) l-allokazzjoni u l-ġestjoni tal-kwoti tar-rati tariffarji;
  - (b) l-esklużjoni ta’ flussi kummerċjali tradizzjonali;
  - (c) l-aġġornament tal-lista tal-Pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw esklużi mill-kamp ta’ applikazzjoni tal-miżuri abbażi tal-aktar livell reċenti tagħhom ta’ importazzjonijiet (is-sena 2024);
  - (d) il-livell ta’ liberalizzazzjoni; kif ukoll
  - (e) bidliet oħra fiċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu jeħtieġu aġġustament fil-livell ta’ allokazzjoni tal-kwota tar-rata tariffarja.

<sup>(6)</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1590 tad-26 ta’ Settembru 2019 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definitivi ta’ salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta’ ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 248, 27.9.2019, p. 28, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2019/1590/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/1590/oj))

<sup>(7)</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/894 tad-29 ta’ Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta’ salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta’ ċerti prodotti tal-azzar; (ĠU L 206, 30.6.2020, p. 27, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2020/894/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2020/894/oj))

<sup>(8)</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/978 tat-23 ta’ Ġunju 2022 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta’ salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta’ ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 167, 24.6.2022, p. 58, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2022/978/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/978/oj))

<sup>(9)</sup> Ir-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1301 tas-26 ta’ Ġunju 2023 li jemenda r-Regolament ta’ Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżura ta’ salvagwardja definittiva kontra l-importazzjonijiet ta’ ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 161, 27.6.2023, p. 44, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2023/1301/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1301/oj))

<sup>(10)</sup> Għal lista sħiħa tal-aġġustamenti differenti tal-miżura inkluż, fost l-oħrajn, l-aġġustament tat-TRQs wara l-Brexit, u wara s-sanzjonijiet fuq il-Belarużja u r-Russja, ara s-sit web tad-DG Kummerċ: <https://trn.trade.ec.europa.eu/investigations/search>.

<sup>(11)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta’ Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/478/oj>).

<sup>(12)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/755 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta’ April 2015 dwar regoli komuni għall-importazzjonijiet minn ċerti pajjiżi terzi (ĠU L 123, 19.5.2015, p. 33, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/755/oj>).

<sup>(13)</sup> In-Notifika ta’ bidu dwar rieżami tal-funzjonament tal-miżura ta’ salvagwardja applikabbli għall-importazzjonijiet ta’ ċerti prodotti tal-azzar, (ĠU C, C/2024/7515, 17.12.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2024/7515/oj>).

## 2. Proċedura

- (8) In-notifika stiednet lill-partijiet interessati jippreżentaw evidenza u data biex jiddeterminaw jekk ikunx iġġustifikat li l-funzjonament tal-miżura ta' salvagwardja jiġi aġġustat sabiex l-operat tas-salvagwardja jinżamm adattat għall-evoluzzjoni tas-suq u f'konformità mal-interess tal-partijiet ikkonċernati kollha.
- (9) Il-Kummissjoni talbet lill-produtturi u lill-utenti tal-Unjoni jagħtuha informazzjoni speċifika permezz ta' kwestjonarji, li tpoġġew għad-dispożizzjoni tal-partijiet interessati fil-fajl pubbliku ("TRON") <sup>(14)</sup> kif ukoll fuq is-sit web tal-Kummissjoni Ewropea (DG TRADE) <sup>(15)</sup>.
- (10) Bħal finvestigazzjonijiet ta' rieżami preċedenti, il-Kummissjoni fasslet proċedura bil-miktub fuq żewġ stadji. L-ewwel nett, il-partijiet kellhom il-possibbiltà li jibagħtu s-sottomissjonijiet tagħhom u fejn applikabbli, tweġiba għall-kwestjonarji sal-10 ta' Jannar 2025. Il-Kummissjoni għamlet din l-informazzjoni disponibbli fil-fajl pubbliku u l-partijiet interessati kellhom 14-il jum biex jikkumentaw (il-fażi tal-konfutazzjoni). Sussegwentement il-Kummissjoni għamlet il-konfutazzjonijiet disponibbli f'TRON.
- (11) Il-Kummissjoni rċeviet 12-il tweġiba għall-kwestjonarju, 40 sottomissjoni u 22 konfutazzjoni.

### *Kummenti tal-partijiet interessati*

- (12) Diversi partijiet interessati kkumentaw li la t-talba tal-Istati Membri għal rieżami tal-funzjonament, u lanqas l-evidenza sottostanti ma saru disponibbli lill-partijiet interessati minnufih. Sar argument li dan illimita bla bżonn l-opportunità tal-partijiet interessati li jirribattu l-evidenza, u kellu impatt sinifikanti fuq il-kapaċità tal-partijiet interessati li jagħtu kontributi sinifikanti.
- (13) Xi partijiet interessati argumentaw li ma hemm l-ebda bażi legali għal rieżami tal-funzjonament, u oħrajn argumentaw li t-tweġiq ta' rieżami tal-funzjonament abbażi ta' ċirkostanzi differenti ma huwiex konformi mal-liġi tad-WTO. Parti interessata minnhom semmiet li żewġ rivalutazzjonijiet tat-TRQs fi żmien sitt xhur mill-aħħar rieżami kienu qrib xulxin wisq.

### *Pożizzjoni tal-Kummissjoni*

- (14) Fin-notifika ta' Bidu, il-partijiet ġew mistiedna speċifikament jikkondividu l-fehmiet tagħhom u jippreżentaw evidenza dwar ħames raġunijiet għar-rieżami (ara l-premessa 7 hawn fuq), u mhux li jikkumentaw dwar it-talba inizjali tal-Istati Membri. Wara talba għall-informazzjoni bil-miktub li waslet fit-3 ta' Jannar 2025 <sup>(16)</sup>, il-Kummissjoni ħarġet id-dokumenti rilevanti biex jiġu spezzjonati fuq TRON fis-7 ta' Jannar 2025, kif previst fl-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) 2015/478. <sup>(17)</sup> Barra minn hekk, il-partijiet kellhom l-opportunità ta' 14-il jum biex iwieġbu għall-evidenza li tressqet mill-industrija tal-Unjoni fil-konfutazzjonijiet tagħhom. Xi partijiet interessati talbu estensjoni, u f'żewġ każijiet ingħatat estensjoni ta' 10 ijiem. Għaldaqstant, il-partijiet interessati ngħataw biżżejjed opportunità biex jagħtu l-kummenti tagħhom.
- (15) Skont in-Notifika ta' Bidu, il-bażi ġuridika tar-rieżami hija l-Artikolu 20 tar-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) 2015/755 u l-Artikolu 8 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159. Dan tal-aħħar jipprevedi b'mod espliċitu li l-Kummissjoni tista' tirrieżamina l-miżura jekk jinbidlu ċ-ċirkostanzi. Il-Ftehim ta' Salvagwardja tad-WTO ma jipprekludix tali rieżamijiet (fakultattivi) minbarra r-rieżami obligatorju ta' nofs it-terminu.

<sup>(14)</sup> Il-verżjonijiet miftuħa tat-tweġibiet għall-kwestjonarju jistgħu jiġu spezzjonati mill-partijiet interessati fil-fajl miftuħ tal-investigazzjoni: <https://tron.trade.ec.europa.eu/tron/TDI> (aċċessibbli għall-partijiet interessati rreġistrati).

<sup>(15)</sup> Il-mudelli tal-kwestjonarji huma disponibbli fuq: <https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2645>.

<sup>(16)</sup> Il-Kummissjoni kienet magħluqa fuq btala pubblika għall-impjegati taċ-ċivil bejn it-22 ta' Diċembru 2024 u t-2 ta' Jannar 2025.

<sup>(17)</sup> Ir-Regolament (UE) 2015/478 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2015 dwar ir-regoli komuni għall-importazzjonijiet (ĠU L 83, 27.3.2015, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2015/478/oj>).

- (16) Bi tweġiba għall-affermazzjoni li t-twettiq ta' rivalutazzjoni tat-TRQs fi żmien sitt xhur mir-rieżami preċedenti jikkostitwixxi frekwenza eċċessiva, l-Artikolu 8 ma jimponi l-ebda restrizzjoni bbażata fuq iż-żmien fuq meta jista' jinbada rieżami. Peress li l-għan tar-rieżami tal-funzjonament huwa li l-operat tas-salvagwardja jinżamm adattat għall-evoluzzjoni tas-suq u f'konformità mal-interessi tal-partijiet ikkonċernati kollha, ma hemm l-ebda limitu ta' żmien fir-rigward ta' meta tali rieżami jkun ġustifikat.
- (17) Għalhekk, iż-żmien tar-rieżami tal-funzjonament attwali huwa konsistenti bis-siġh mal-qafas legali tal-obbligi tal-UE u dawk internazzjonali skont il-liġi tad-WTO.

### 3. Valutazzjoni tas-suq tal-azzar

- (18) Mill-aħħar investigazzjoni ta' rieżami, fl-identifikazzjoni tal-ħtieġa u l-firxa ta' aġġustamenti possibbli, il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-evoluzzjoni ta' żewġ elementi ewlenin: Kapaċità żejda u l-miżuri kummerċjali f'pajjiżi terzi.

#### 3.1. Kapaċità żejda

- (19) Is-sitwazzjoni tal-kapaċità żejda kompliet tmur għall-aħħar fit-tieni nofs tal-2024 u fil-bidu tal-2025. Sa tmiem l-2024, ġie stmat li l-kapaċità installata fil-livell globali laqgħet 2 482 miljun tonnallata, li tirrappreżenta żieda ta' aktar minn 50 miljun tonnallata meta titqabbel mal-2023 <sup>(18)</sup>. Din iż-żieda kienet ikkonċentrata fl-Indja, fl-ASEAN u fil-Lvant Nofsani. Tali żieda rilevanti fil-kapaċità seħħet f'kuntest ta' domanda globali għall-azzar li qed tiddgħajef. Fl-2024, id-domanda globali għall-azzar naqset b'1 % (-18 miljun tonnallata) meta titqabbel mal-2023 <sup>(19)</sup>, u b'hekk kompliet twessa' d-distakk bejnha u bejn il-kapaċità installata.
- (20) Fil-futur mistennija li tibda topera kapaċità addizzjonali sinifikanti ta' madwar 145 miljun tonnallata, kemm fi proġetti li għaddejjin kif ukoll fi proġetti ppjanati <sup>(20)</sup>, filwaqt li fl-2025 id-domanda mistennija tiżdied b'mod moderat, u tilħaq il-livelli tal-2023, jiġifieri għadha anqas mit-tkabbir sostnut tal-kapaċità. Minħabba f'hekk, il-livell ta' kapaċità żejda mistenni li jibqa' f'livelli għoljin ħafna. L-istimi jindikaw li fl-2026 id-distakk bejn il-kapaċità installata u l-produzzjoni jista' jilħaq 630 miljun tonnallata <sup>(21)</sup>.
- (21) It-tħassib dwar is-sitwazzjoni tal-kapaċità żejda, li qed tiddeterjora, u l-impatt negattiv tagħha fuq il-produtturi tal-azzar ġew riflessi b'mod ċar fid-Dikjarazzjoni Ministerjali tal-Forum Globali dwar l-Azzar tat-8 ta' Ottubru 2024 <sup>(22)</sup>. Id-dikjarazzjoni fakkret l-impatt negattiv serju tal-kapaċità żejda fuq l-impjiegi, il-produzzjoni, il-prezzijiet, is-sehem mis-suq, id-dħul u l-profittabbiltà tal-industrija, u rrikonnoxxiet l-importanza li jittieħdu azzjonijiet konkreti biex tiġi indirizzata l-kapaċità żejda.
- (22) F'dan il-kuntest ta' kapaċità żejda li qed tikber, il-Kummissjoni kkonfermat li l-esportazzjonijiet tal-azzar Ċiniżi komplew jiżdiedu, u laħqu 110 miljun tonnallata, qrib il-livelli rekord <sup>(23)</sup>. Peress li l-prospettiva tas-suq tindika tnaqqis ulterjuri fid-domanda domestika fiċ-Ċina fl-2025 <sup>(24)</sup>, ix-xejra ta' livell għoli ta' esportazzjonijiet, li bdiet fl-2023 u laqgħet l-ogħla livelli fl-2024, mistennija tkompli.

<sup>(18)</sup> OECD: Latest developments in steelmaking capacity and outlook until 2027, DSTI/SC (2024) 15, October 2024.

<sup>(19)</sup> WorldSteel Association: Short Range Outlook (Ottubru 2024).

<sup>(20)</sup> OECD: Latest developments in steelmaking capacity and outlook until 2027, DSTI/SC (2024) 15, October 2024.

<sup>(21)</sup> <https://www.oecd.org/en/events/2024/10/ministerial-meeting-of-the-global-forum-on-steel-excess-capacity.html>.

<sup>(22)</sup> Ara d-Dikjarazzjoni Ministerjali: <https://www.oecd.org/en/events/2024/10/ministerial-meeting-of-the-global-forum-on-steel-excess-capacity.html>.

<sup>(23)</sup> OECD: Steel Trade and Policy Developments (Jan-Sett. '24), DSTI/SC(2024) 16, Tabella 1; Steel Orbis: <https://www.steelorbis.com/steel-news/latest-news/chinas-steel-exports-up-in-december-from-november-up-227-in-2024-1374163.htm#:~:text=In%202024%2C%20China's%20finished,112%20million%20mt%20in%202015>.

<sup>(24)</sup> WorldSteel Association: Short Range Outlook (Ottubru 2024).

- (23) Għalhekk huwa raġonevoli li wieħed jistenna li l-esportazzjonijiet Ċiniżi se jkomplu jifgħu pressjoni qawwija ħafna, kemm f'dawk li huma volumi kif ukoll fil-prezzijiet fis-swieq ta' pajjiżi terzi, <sup>(25)</sup> u b'hekk ikollhom impatt negattiv fuq il-kompetituri f'dawk is-swieq direttament, pereż. billi jiġu spustati jew billi jiġu mġiegħla jikkompetu ma' prezzijiet aktar baxxi. Barra minn hekk, peress li l-produtturi tal-azzar f'ċerti pajjiżi terzi qed jaraw distakk ulterjuri bejn id-domanda u t-tkabbir tal-kapaċità fis-swieq domestiċi tagħhom, dawn jiġu f'pożizzjoni li jridu jfittxu opportunitajiet alternattivi għall-kapaċità eċċessiva tagħhom. B'konsegwenza, tintefa' aktar pressjoni mill-importazzjoni fis-suq tal-Unjoni minn dawn l-orijini. Dan iżid mal-livell ġenerali taż-żieda tas-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet fis-suq tal-Unjoni fl-2024.
- (24) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni kkonfermat ukoll li mill-aħħar investigazzjoni, il-preżenza tal-importazzjoni fis-suq tal-Unjoni minn orijini li għadhom qed iżidu l-kapaċità rilevanti tagħhom (b'mod partikolari l-ASEAN, l-Indja, iċ-Ċina, il-Lvant Nofsani u l-Afrika ta' Fuq), għadha għolja u f'xi każijiet, komplet tiżdied. Din id-data wriet korrelazzjoni bejn l-iżviluppi fil-kapaċità u l-livell ta' pressjoni mill-importazzjoni minn dawk l-orijini fis-suq tal-Unjoni <sup>(26)</sup>.
- (25) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonfermat li s-sitwazzjoni u l-prospetti tal-kapaċità żejda fil-livell globali għadhom inkwetanti ħafna u stenniet li, fin-nuqqas ta' aġġustamenti, din twassal biex tiżdied il-prezzjoni mill-importazzjoni fl-Unjoni, minħabba ż-żieda fil-kapaċità, l-evoluzzjoni tad-domanda u l-prezzjoni persistenti fuq is-swieq ta' pajjiżi terzi.

### 3.2. Miżuri ta' pajjiżi terzi, inkluża t-Taqsim 232 tal-Istati Uniti

- (26) Il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-aħħar żviluppi li jikkonċernaw il-miżuri kummerċjali fuq l-importazzjonijiet tal-azzar li ġew adottati minn pajjiżi terzi. Il-Kummissjoni kkonfermat li l-għadd ta' miżuri għad-difiża tal-kummerċ fis-seħħ fi tmiem l-2024 qabeż dawk fis-seħħ is-sena ta' qabel.
- (27) Lil hinn mill-miżuri ta' difiża kummerċjali, il-Kummissjoni osservat li l-miżuri tariffarji fis-seħħ mill-investigazzjoni tar-rieżami ta' qabel kienu żdiedu. Dawn il-miżuri kienu jinkludu, fost l-oħrajn, żieda fit-tariffi fit-Turkija <sup>(27)</sup>, fil-Kolombja <sup>(28)</sup> u fil-Kanada <sup>(29)</sup>. Minbarra l-miżuri ta' salvagwardja fuq ċerti prodotti tal-azzar fl-Afrika t'Isfel <sup>(30)</sup>, u l-bidu ta' investigazzjoni ta' salvagwardja dwar ċerti prodotti ċatti tal-azzar mill-Indja. <sup>(31)</sup>
- (28) Barra minn hekk, fl-10 ta' Frar 2025, l-Istati Uniti ħabbru t-terminazzjoni ta' esklużjonijiet ta' pajjiżi preċedenti, eżenzjonijiet ta' prodotti kif ukoll ta' TRQ jew reġimi ta' kwoti speċifiċi taħt il-miżura tat-Taqsim 232 <sup>(32)</sup>. Fil-prinċipju, din il-bidla fil-miżura rriżultat f'dazju ta' 25 % fuq l-orijini kollha. Minħabba d-daqs tas-suq tal-Istati Uniti u l-livell ta' dazju, il-Kummissjoni tqis li dan l-iżvilupp <sup>(33)</sup>, flimkien mal-miżuri tariffarji addizzjonali implimentati minn pajjiżi oħra, joħloq aktar tensjonijiet fis-swieq tal-azzar, u b'hekk iżid ir-riskji ta' devjazzjoni addizzjonali tal-kummerċ lejn l-Unjoni.

<sup>(25)</sup> Ara l-OECD: Steel Trade and Policy Developments (Jan-Sett. '2024), DSTI/SC(2024) 16, Taqsim 3; it-28 October 2024. B'mod partikolari, it-Tabella 3 turi li xi wħud mill-pajjiżi li qed jaraw l-akbar żieda fil-preżenza tal-importazzjonijiet Ċiniżi fis-swieq domestiċi tagħhom huma fost dawk li, min-naħa tagħhom, żiedu l-esportazzjonijiet tagħhom lejn l-Unjoni.

<sup>(26)</sup> Għal analiżi usa' dwar il-korrelazzjoni bejn il-kapaċità żejda u l-iżviluppi tal-esportazzjoni, ara l-GFSEC: "Steel exports, trade remedy actions and sources of excess capacity" (Mejju 2024).

<sup>(27)</sup> <https://www.argusmedia.com/en/news-and-insights/latest-market-news/2643385-turkey-ups-some-steel-product-import-duties-correction>.

<sup>(28)</sup> <https://www.mincit.gov.co/normatividad/decretos/2024/decreto-1294-del-18-de-octubre-de-2024>.

<sup>(29)</sup> <https://www.cbsa-asfc.gc.ca/publications/cn-ad/cn24-36-eng.html>.

<sup>(30)</sup> [https://www.itac.org.za/upload/document\\_files/20240705012443\\_Report-730.pdf](https://www.itac.org.za/upload/document_files/20240705012443_Report-730.pdf).

<sup>(31)</sup> [https://www.wto.org/english/news\\_e/news25\\_e/safe\\_ind\\_07jan25\\_e.htm](https://www.wto.org/english/news_e/news25_e/safe_ind_07jan25_e.htm).

<sup>(32)</sup> <https://www.whitehouse.gov/presidential-actions/2025/02/adjusting-imports-of-steel-into-the-united-states/>

<sup>(33)</sup> L-impatt tal-miżura tat-Taqsim 232 tal-Istati Uniti fuq il-flussi kummerċjali fis-suq tal-Unjoni ġie vvalutat fit-tul fir-regolament oriġinali li jimponi miżura ta' salvagwardja kif ukoll f'diversi investigazzjonijiet ta' rieżami.

3.3. *Is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni*

- (29) Sabiex tivvaluta s-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-azzar tal-Unjoni, il-Kummissjoni ħarġet kwestjonarji lill-produtturi magħrufa tal-azzar fl-Unjoni biex tiġbor informazzjoni dwar ċerti indikaturi tad-dannu għall-prodott ikkonċernat matul il-perjodu inkunsiderazzjoni. Il-kwestjonarji kienu wkoll disponibbli wkoll fuq is-sit web tad-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ tal-Kummissjoni Ewropea. <sup>(34)</sup> L-istruzzjonijiet rilevanti kollha għall-kwestjonarji ġew inklużi wkoll fin-Notifika ta' Bidu.
- (30) Il-Kummissjoni rċeviet tweġibiet individwali għall-kwestjonarju minn membri tat-tliet assoċjazzjonijiet magħrufa tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll minn produtturi oħra tal-Unjoni li mhuma membri tal-ebda assoċjazzjoni.
- (31) Il-Kummissjoni kkonsolidat id-data li rċeviet direttament mingħand il-produtturi tal-Unjoni individwalment u kkontroverifikat il-preċiżjoni tagħha mas-sett ta' data li kien ippreżentat mill-assoċjazzjonijiet tal-industrija tal-Unjoni f'sessjonijiet ta' kontroverifika ddedikati mill-bogħod. Wara, il-Kummissjoni għaqdet it-tweġibiet tal-membri tal-assoċjazzjoni mat-tweġibiet tal-produtturi mhux membri ta' assoċjazzjoni f'sett ta' data konsolidat, li kkonstitwixxa l-bażi għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.
- (32) L-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu bejn l-2021 u l-2024 tidher fit-Tabelli 1 sa 3 hawn taħt:

(a) *Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità*

Tabella 1

**Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità**

| f'000 tunnellata                                           | 2021    | 2022    | 2023    | 2024    |
|------------------------------------------------------------|---------|---------|---------|---------|
| Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat              | 182 624 | 162 958 | 158 076 | 149 754 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100     | 89      | 87      | 82      |
| Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat         | 234 706 | 233 437 | 234 790 | 223 297 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100     | 99      | 100     | 95      |
| Użu tal-kapaċità                                           | 78 %    | 70 %    | 67 %    | 67 %    |
| Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju |         |         |         |         |

- (33) Matul il-perjodu inkunsiderazzjoni, il-volum tal-produzzjoni tal-produtturi tal-Unjoni naqas b'mod kostanti bi -11 % fl-2022, b' -13 % fl-2023 u bi -18 % fl-2024, meta mqabbel mal-2021. L-użu tal-kapaċità segwa xejra ta' tnaqqis, u laħaq livell baxx ħafna ta' 67 % fl-2023 u baqa' fl-istess livell fl-2024, minkejja tnaqqis fil-kapaċità ta' 5 % fl-2024.

(b) *Il-konsum, il-bejgħ domestiku u s-schem mis-suq tal-Unjoni <sup>(35)</sup>*

Tabella 2

**Konsum, bejgħ domestiku u schem mis-suq tal-Unjoni**

|                          | 2021    | 2022    | 2023    | 2024    |
|--------------------------|---------|---------|---------|---------|
| Konsum f'000 tunnellata  | 166 514 | 153 082 | 144 227 | 143 858 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i> | 100     | 92      | 86      | 86      |

<sup>(34)</sup> Il-mudelli tal-kwestjonarji huma disponibbli fuq: <https://tron.trade.ec.europa.eu/investigations/case-view?caseId=2645>.

<sup>(35)</sup> Billi t-tweġibiet għall-kwestjonarju ma jinkludux kull produttur tal-azzar fl-Unjoni, is-schem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni ġie kkalkulat abbażi tad-data dwar il-konsum, id-data dwar l-importazzjoni u d-data mit-tweġibiet għall-kwestjonarju.

|                                  | 2021    | 2022    | 2023    | 2024    |
|----------------------------------|---------|---------|---------|---------|
| Bejgħ domestiku f'000 tonnellata | 132 694 | 121 559 | 115 994 | 113 606 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>         | 100     | 92      | 87      | 86      |
| Sehem mis-suq f%                 | 79,7 %  | 79,4 %  | 80,5 %  | 79,0 %  |

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

- (34) Il-konsum fis-suq tal-Unjoni beda jonqos fl-2022 (-8 %), u din ix-xejra kompliet fl-2023 (-14 %) u baqgħet fl-istess livell fl-2024 (-14 %) meta mqabbla mas-sena 2021. L-evoluzzjoni tal-volum tal-bejgħ domestiku mill-produtturi tal-Unjoni segwiet xejra simili ħafna matul il-perjodu inkunsiderazzjoni (-8 % fl-2022, -13 % fl-2023 u -14 % fl-2024 meta mqabbla mal-2021). Matul il-perjodu kkunsidrat, is-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni naqas b'0,7 %.

(c) *Prezz tal-bejgħ ta' unità, profittabbiltà*

Tabella 3

**Il-prezz tal-bejgħ ta' unità u l-profittabbiltà**

|                                            | 2021  | 2022  | 2023  | 2024   |
|--------------------------------------------|-------|-------|-------|--------|
| Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tonnellata) | 935   | 1 253 | 1 046 | 945    |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                   | 100   | 134   | 112   | 101    |
| Profittabbiltà (% tal-fatturat)            | 9,1 % | 9,9 % | 0,5 % | -0,4 % |

Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

- (35) Il-prezzijiet tal-bejgħ ta' unità żdied b'34 % fl-2022, bi 12 % fl-2023 u b'1 % fl-2024 meta mqabbel mal-2021.
- (36) Iż-żieda fil-prezzijiet u l-irkupru ta' wara l-COVID biddlu l-industrija tal-Unjoni f'waħda li tagħmel profitt fl-2021 (9,1 %) b'żieda żgħira fil-profitti fl-2022 (9,9 %). Fl-2023 il-profittabbiltà naqset drastikament, u laħqet biss profitt ta' 0,5 % u x-xejra kompliet fl-2024 u nbidlet ftelf (-0,4 %).

*Konklużjoni*

- (37) Ix-xejra negattiva osservata fl-2023 kompliet fl-2024 hekk kif l-indikaturi tad-dannu komplew imorru għall-agħar jew baqgħu fil-livelli tal-2023.

*Analiżi addizzjonali għal kull familja ta' prodotti*

- (38) Skont l-approċċ tal-investigazzjoni oriġinali, <sup>(36)</sup> il-Kummissjoni vvalutat ukoll l-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu għal kull familja ta' prodotti. <sup>(37)</sup> Il-familji ta' prodotti koperti mis-salvagwardja tal-azzar huma prodotti ċatti, prodotti twal u tubi.

<sup>(36)</sup> Ara l-premessa 47 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2019/159/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/159/oj)).

<sup>(37)</sup> Għal deskrizzjoni sħiħa tal-familji ta' prodotti, ara l-premessa 21 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definittivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2019/159/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/159/oj)).

(39) It-Tabelli 4 sa 6 hawn taħt juru l-evoluzzjoni tal-indikaturi tad-dannu għal kull familja ta' prodotti:

Tabella 4

**Produzzjoni, kapaċità tal-produzzjoni u użu tal-kapaċità**

| f000 tunnellata                                            | 2021                                                 | 2022        | 2023        | 2024        |
|------------------------------------------------------------|------------------------------------------------------|-------------|-------------|-------------|
| Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat (ċatti)      | 141 255 853                                          | 125 606 710 | 122 674 835 | 114 335 970 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100                                                  | 89          | 87          | 81          |
| Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat (twal)       | 35 975 381                                           | 31 667 548  | 29 983 962  | 30 597 326  |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100                                                  | 88          | 83          | 85          |
| Volum tal-produzzjoni tal-prodott ikkonċernat (tubi)       | 5 626 178                                            | 5 907 604   | 5 615 846   | 4 962 746   |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100                                                  | 105         | 100         | 88          |
|                                                            |                                                      |             |             |             |
| Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat (ċatti) | 176 870 680                                          | 175 916 855 | 176 610 299 | 164 012 871 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100                                                  | 99          | 100         | 93          |
| Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat (twal)  | 48 425 081                                           | 48 106 404  | 48 945 625  | 49 928 080  |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100                                                  | 99          | 101         | 103         |
| Kapaċità tal-produzzjoni għall-prodott ikkonċernat (tubi)  | 9 963 732                                            | 9 972 089   | 9 898 231   | 10 015 186  |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100                                                  | 100         | 99          | 101         |
|                                                            |                                                      |             |             |             |
| Użu tal-kapaċità (ċatti)                                   | 79,86 %                                              | 71,40 %     | 69,46 %     | 69,71 %     |
| Użu tal-kapaċità (twal)                                    | 74,69 %                                              | 66,63 %     | 61,43 %     | 61,28 %     |
| Użu tal-kapaċità (tubi)                                    | 56,47 %                                              | 59,24 %     | 56,74 %     | 49,55 %     |
|                                                            |                                                      |             |             |             |
| Sors:                                                      | Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju |             |             |             |

Tabella 5

**Konsum, bejgħ domestiku u sehem mis-suq tal-Unjoni**

|                                          | 2021   | 2022   | 2023   | 2024   |
|------------------------------------------|--------|--------|--------|--------|
| Konsum f'000 tunnellata (ċatti)          | 96 261 | 88 266 | 85 048 | 83 947 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                 | 100    | 92     | 88     | 87     |
| Konsum f'000 tunnellata (twal)           | 57 587 | 53 236 | 48 160 | 48 792 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                 | 100    | 92     | 84     | 85     |
| Konsum f'000 tunnellata (tubi)           | 12 214 | 11 117 | 10 570 | 11 106 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                 | 100    | 91     | 87     | 91     |
|                                          |        |        |        |        |
| Bejgħ domestiku f'000 tunnellata (ċatti) | 72 426 | 66 567 | 65 029 | 62 445 |

|                                                            | 2021   | 2022   | 2023   | 2024   |
|------------------------------------------------------------|--------|--------|--------|--------|
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100    | 92     | 90     | 86     |
| Bejgħ domestiku f'000 tunnellata (twal)                    | 50 199 | 45 525 | 42 186 | 42 542 |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100    | 91     | 84     | 85     |
| Bejgħ domestiku f'000 tunnellata (tubi)                    | 9 553  | 8 925  | 8 379  | 8 672  |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100    | 93     | 88     | 91     |
|                                                            |        |        |        |        |
| Sehem mis-suq f% (ċatti)                                   | 75,2 % | 75,4 % | 76,5 % | 74,4 % |
| Sehem mis-suq f% (twal)                                    | 87,2 % | 85,5 % | 87,6 % | 87,2 % |
| Sehem mis-suq f% (tubi)                                    | 78,2 % | 80,3 % | 79,3 % | 78,1 % |
| Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju |        |        |        |        |

Tabella 6

**Il-prezz tal-bejgħ ta' unità u l-profittabbiltà**

|                                                            | 2021   | 2022   | 2023  | 2024    |
|------------------------------------------------------------|--------|--------|-------|---------|
| Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata) (ċatti)         | 986    | 1 315  | 1 100 | 1 008   |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100    | 133    | 112   | 102     |
| Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata) (twal)          | 782    | 1 052  | 852   | 772     |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100    | 135    | 109   | 99      |
| Prezz tal-bejgħ ta' unità (EUR/tunnellata) (tubi)          | 1 227  | 1 658  | 1 507 | 1 212   |
| <i>indiċi 2021 = 100</i>                                   | 100    | 135    | 123   | 99      |
|                                                            |        |        |       |         |
| Profittabbiltà (% tal-fatturat) (ċatti)                    | 10,4 % | 10,5 % | 0,0 % | – 0,5 % |
| Profittabbiltà (% tal-fatturat) (twal)                     | 7,1 %  | 9,2 %  | 0,3 % | – 1,5 % |
| Profittabbiltà (% tal-fatturat) (tubi)                     | 3,7 %  | 6,6 %  | 6,1 % | 4,5 %   |
| Sors: Data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju |        |        |       |         |

- (40) Abbażi tal-indikaturi ta' hawn fuq, l-analiżi għal kull familja ta' prodott, tikkorroborra s-sejbiet għall-prodott ikkonċernat: is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni marret għall-agħar b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat u bħalissa tinsab f'sitwazzjoni fraġli. Anki l-familja ta' prodotti tat-tubi, li wriet prestazzjoni aħjar fir-rigward tal-profittabbiltà u tal-iżviluppi fis-sehem mis-suq, xorta waħda rat deterjorament ta' indikaturi ewlenin oħra bħall-użu tal-kapaċità, il-livelli tal-produzzjoni u l-bejgħ domestiku matul il-perjodu inkunsiderazzjoni.

*Il-prezzjoni mill-importazzjoni, l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet u s-sehem mis-suq*

- (41) Il-Kummissjoni vvalutat l-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet, kemm f'termini ġenerali kif ukoll meta mqabbla mal-konsum, biex tiddetermina l-firxa tal-prezzjoni li setgħu eżerċitaw fuq is-suq tal-Unjoni fil-perjodu inkunsiderazzjoni.

- (42) L-importazzjonijiet fl-Unjoni fl-2024 naqsu bi -11 % meta mqabbla mal-2021, meta kienu laħqu t-tieni l-ogħla livell mill-2013 'l hawn <sup>(38)</sup>. Madankollu, bejn l-2023 u l-2024 kien hemm żieda assolut ta' 7 %.

Tabella 7

**Evoluzzjoni tal-importazzjonijiet f'000 tonnelli**

|                                          | 2021   | 2022   | 2023   | 2024   |
|------------------------------------------|--------|--------|--------|--------|
| Volum ta' importazzjonijiet 000 tonnelli | 33 886 | 31 604 | 28 186 | 30 188 |
| indiċi 2021 = 100                        | 100    | 93     | 83     | 89     |

Sors: EUROSTAT

- (43) L-analiżi fil-livell tal-familji ta' prodotti, inkluż żieda relattiva fil-pessjoni mill-importazzjoni li żżid fis-sehem mis-suq, ikkonfermat din ix-xejra ġenerali kif muri fit-Tabella 8 hawn taħt.

Tabella 8

**Sehem mis-suq tal-importazzjonijiet għal kull familja ta' prodotti**

|                               | 2021   | 2022   | 2023   | 2024   |
|-------------------------------|--------|--------|--------|--------|
| Konsum f'000 tonnelli (ċatti) | 96 261 | 88 266 | 85 048 | 83 947 |
| indiċi 2021 = 100             | 100    | 92     | 88     | 87     |
| Konsum f'000 tonnelli (twal)  | 57 587 | 53 236 | 48 160 | 48 792 |
| indiċi 2021 = 100             | 100    | 92     | 84     | 85     |
| Konsum f'000 tonnelli (tubi)  | 12 214 | 11 117 | 10 570 | 11 106 |
| indiċi 2021 = 100             | 100    | 91     | 87     | 91     |

|                                          |        |        |        |        |
|------------------------------------------|--------|--------|--------|--------|
| Importazzjonijiet f'000 tonnelli (ċatti) | 23 837 | 21 701 | 20 021 | 21 504 |
| indiċi 2021 = 100                        | 100    | 91     | 84     | 90     |
| Importazzjonijiet f'000 tonnelli (twal)  | 7 387  | 7 711  | 5 974  | 6 250  |
| indiċi 2021 = 100                        | 100    | 104    | 81     | 85     |
| Importazzjonijiet f'000 tonnelli (tubi)  | 2 661  | 2 193  | 2 191  | 2 433  |
| indiċi 2021 = 100                        | 100    | 82     | 82     | 91     |

|                          |        |        |        |        |
|--------------------------|--------|--------|--------|--------|
| Sehem mis-suq f% (ċatti) | 24,8 % | 24,6 % | 23,5 % | 25,6 % |
| Sehem mis-suq f% (twal)  | 12,8 % | 14,5 % | 12,4 % | 12,8 % |
| Sehem mis-suq f% (tubi)  | 21,8 % | 19,7 % | 20,7 % | 21,9 % |

Sors: EUROSTAT, id-data tal-industrija u t-tweġibiet għall-kwestjonarju

<sup>(38)</sup> Għal stampa usa' tal-evoluzzjoni tal-importazzjoni fis-sinjori preċedenti, ara t-Tabella 2 tar-Regolament Definitiv u t-Tabella 9 tal-Ewwel Regolament dwar ir-Rieżami tal-Estensjoni.

#### 4. Kummenti tal-partijiet interessati

- (44) Il-Kummissjoni rċeviet 12-il tweġiba għall-kwestjonarju, 40 sottomissjoni u 22 konfutazzjoni mingħand partijiet interessati, inklużi produttori tal-azzar tal-Unjoni, utenti u importaturi tal-azzar tal-Unjoni, kif ukoll assoċjazzjonijiet rispettivi tagħhom, produttori esportaturi u gvernijiet ta' pajjiżi terzi. Din it-taqsimha tagħti ħarsa ġenerali lejn il-kummenti mill-partijiet interessati, organizzati fi 8 sottotaqsimiet. Il-kummenti huma raggruppati skont in-natura u l-kontenut tagħhom.

##### 4.1. Livelli attwali tat-TRQ

- (45) L-industrija tal-Unjoni affermat li t-TRQs eżistenti ma għadhomx allinjati mad-domanda għall-azzar fl-UE. L-industrija argumentat li l-kwoti ġew liberalizzati b'aktar minn 15-il punt perċentwali meta mqabbel mal-2019. Dan, flimkien mat-tnaqqis reċenti fid-domanda għall-azzar, ħoloq distakk dejjem jikber bejn il-volumi attwali tal-kwoti mingħajr dazju u d-domanda attwali. Minħabba f'hekk, l-industrija tal-Unjoni talbet aġġustament tat-TRQs b'mod li jirrifletti aħjar id-domanda preżenti, u talbet lill-Kummissjoni tnaqqas il-livelli tat-TRQ b'medja ta' bejn il-25 % u l-50 %.
- (46) Ċerti pajjiżi esportaturi u utenti argumentaw li għalkemm id-domanda ġenerali tidher li naqset, id-domanda ta' ċerti setturi għal prodotti speċifiċi tal-azzar qiegħda tikber. Skont dawn il-partijiet, l-issikkar tat-TRQs f'dawn il-kategoriji jkollu impatt negattiv fuq il-kompetittività tal-industriji downstream tal-UE. Jekk dan l-industrija jżommu l-kwoti tagħhom aktar flessibbli jkunu jistgħu jissodisfaw il-ħtiġijiet materjali tagħhom aħjar, ħtiġijiet li jista' jkun ma jinqdewx mill-produtturi tal-UE fi kwantitajiet suffiċjenti. Dawn il-partijiet argumentaw li approċċ ta' "wieħed tajjeb għal kulħadd" fir-rigward tat-TRQs jonqos milli jirrifletti d-domanda diversa f'setturi differenti fl-UE.
- (47) Barra minn hekk, diversi produttori esportaturi rreferew għal rapport reċenti ta' WorldSteel li jipprevedi li d-domanda globali għall-azzar fl-2025 se tiżdied. <sup>(39)</sup> Argumentaw li dan jikkontradixxi l-previżjonijiet tal-industrija, u jiffa' dubju fuq l-affidabbiltà tal-evidenza tal-industrija.

##### 4.2. Fatturi esterni

- (48) L-industrija tal-Unjoni saħqet li s-sitwazzjoni ekonomika tagħha marret lura ferm, b'mod partikolari f'dawn l-aħħar trimestri. Tagħmel l-argument li dan joħroġ fid-dieher f'dawk li huma produzzjoni, bejgħ, u profittabbiltà, fl-istess ħin l-importazzjonijiet għad għandhom ishma kbar mis-suq u li qed jiżdiedu, u b'hekk iwaqqgħu l-prezzijiet tal-produtturi tal-UE.
- (49) Ċerti pajjiżi esportaturi u utenti argumentaw li fatturi esterni bħal kostijiet tal-enerġija għoljin u kwistjonijiet ġeopolitiċi influwenzaw is-suq tal-azzar b'mod sinifikanti. Jista' jkun li dawn huma l-fatturi li jgħoddu għal ħafna mid-diffikultajiet tal-industrija tal-azzar tal-UE, u mhux il-prezzjoni tal-importazzjonijiet.

##### 4.3. L-allokazzjoni u l-ġestjoni tat-TRQs

- (50) L-industrija tal-Unjoni talbet li, għat-trimestru li jmiss, it-trasferiment trimestrali tal-kwoti mhux użati jinteħħa, jew inkella, it-trasferiment ikun limitat. Diversi pajjiżi esportaturi u utenti talbu li l-mekkaniżmu ta' riport jinżamm, bl-argument li dan huwa element ewlieni tal-istruttura tat-TRQ li jipprovdi prevedibbiltà u għaldaqstant ma jaqax fl-ambitu tar-rieżami.
- (51) Ċerti pajjiżi esportaturi u utenti talbu li titneħħa s-sistema ta' kwoti speċifika tal-pajjiżi għal ċerti kategoriji (jew saħansitra għall-kategoriji kollha) u ċerti kwoti jiġu amministrati globalment f'kull trimestru biex jimmassimizzaw l-użu tagħhom.
- (52) L-industrija tal-Unjoni u produttur esportatur minnhom talbu lill-Kummissjoni biex tikkalkula il-kwoti kollha mill-ġdid abbażi ta' perjodu ta' referenza ġdid. Il-Kummissjoni rċeviet ukoll diversi talbiet (mill-utenti u mill-produtturi esportaturi) biex iżżid il-kwoti f'ċerti kategoriji biex takkomoda d-domanda dejjem akbar tal-industrija downstream tal-UE.

<sup>(39)</sup> WorldSteel Association: Short Range Outlook (Ottubru 2024).

- (53) L-industrija tal-Unjoni affermat ukoll li l-prodotti tal-azzar Ċiniżi, soġġetti għal miżuri anti-dumping, għadhom jidħlu fis-suq tal-UE bi prezzijiet estremament baxxi, u b'hekk id-dazji imposti ma baqgħux effettivi. Fid-dawl ta' dan, l-industrija talbet li l-Kummissjoni terġa' ddaħħal kwoti speċifiċi għall-pajjiż fuq iċ-Ċina f'kategoriji fejn il-volumi kienu ridistribwiti qabel minħabba l-preżenza ta' miżuri anti-dumping.
- (54) Fl-aħħar nett, xi partijiet interessati (l-industrija tal-Unjoni u xi produttori esportaturi) talbu lill-Kummissjoni tieħu azzjoni biex tevita d-dilwizzjoni tad-dazju li ġiet ikkawżata mill-eżawriment immedjat, fl-ewwel jum, ta' kwart tal-kwoti residwi billi jew tintroduċi amministrazzjoni ta' kull xahar, jew billi tintroduċi reġim li fih l-allokazzjoni tal-kwoti tkun ibbażata fuq min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel. Ċerti pajjiżi esportaturi u produttori opponew l-introduzzjoni ta' sistema ta' allokazzjoni ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel, bl-argument li r-reġim ma jkunx prattiku biex jiġi implimentat.

#### 4.4. *Esklużjoni ta' flussi kummerċjali tradizzjonali*

- (55) Xi partijiet interessati (prinċipalment il-produttori esportaturi u l-industrija tal-Unjoni) argumentaw li mir-rieżami preċedenti u b'mod partikolari fl-2024, ċerti esportaturi kienu żiedu l-esportazzjonijiet tagħhom f'ċerti kategoriji tal-kwota residwa b'mod sinifikanti, li wassal għall-esklużjoni ta' oħrajn. Biex isolvu din il-kwistjoni, xi wħud appellaw għall-introduzzjoni ta' kwoti addizzjonali speċifiċi għall-pajjiżi jew li jiddied l-użu tal-limiti massimi fil-kwoti residwi.
- (56) Barra minn hekk, diversi partijiet interessati affermaw li r-reġim attwali ta' ebda aċċess jenħtieġ li jiġi estiż biex jipprevjeni l-esklużjoni mill-kwota residwa f'kategoriji magħżula. Parti interessata oħra ssuġġeriet li, pjuttost, il-Kummissjoni jenħtieġ li testendi r-reġim ta' aċċess limitat.

#### 4.5. *Aġġornament tal-lista tal-Pajjiżi Membri tad-WTO li qed jiżviluppaw esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura abbażi tal-livell l-aktar reċenti tal-importazzjonijiet tagħhom*

- (57) L-industrija tal-Unjoni talbet lill-Kummissjoni biex tikkunsidra li ma tagħtix eżenzjonijiet ġodda lill-pajjiżi li qed jiżviluppaw abbażi tal-aktar data reċenti dwar l-importazzjoni. Diversi partijiet interessati opponew dan u talbu li jsir aġġornament tal-lista ta' pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw u li huma esklużi mill-ambitu tal-miżura.

#### 4.6. *Livell ta' liberalizzazzjoni*

- (58) L-industrija tal-Unjoni affermat li l-liberalizzazzjoni tal-kwoti ma għadhiex xierqa minħabba li d-domanda qed tonqos filwaqt li distakki mal-livell attwali ta' volumi ta' kwoti mingħajr dazju qegħdin jikbru. Min-naħa l-oħra, partijiet interessati oħra talbu lill-Kummissjoni biex iżżid il-livell ta' liberalizzazzjoni lil hinn mill-1 % ta' bħalissa, jew tal-anqas iżżomm il-livell ta' bħalissa, kemm għall-kategoriji kollha ta' prodotti kif ukoll għal xi kategoriji speċifiċi ta' prodotti u/jew oriġini speċifika.

#### 4.7. *Kummenti oħra*

- (59) L-industrija tal-Unjoni talbet lill-Kummissjoni tikkunsidra li żżid id-dazju barra mill-kwota ta' 25 %. L-argument jgħid li pass bħal dan ikun misthoq minħabba l-livelli tal-prezzijiet tal-importazzjonijiet baxxi li huma xprunati minn kapaċità żejda fil-livell globali u li sejra għall-agħar flimkien mal-għadd ta' miżuri ta' TDI f'pajjiżi terzi. Sar l-argument li dazju ta' 25 % barra mill-kwota għalhekk ma għadux biżżejjed biex jipprevjeni l-importazzjonijiet barra mill-kwota.
- (60) Barra minn hekk, ċerti pajjiżi esportaturi talbu li jiġu esklużi mill-miżura abbażi tal-Ftehimiet ta' Assoċjazzjoni rispettivi tagħhom mal-Unjoni.

#### 4.8. *Kummenti speċifiċi għall-kategorija*

- (61) Diversi partijiet interessati talbu li jaqsmu t-TRQ ta' ċerti kategoriji f'żewġ subkategoriji, biex jindirizzaw aħjar l-ispeċifikitajiet tal-prodotti raggruppati taħt il-kategoriji. Dan ġie argumentat għall-kategorija 1 minn utent tal-Unjoni, għall-kategorija 16 minn produttur esportatur u għall-kategoriji 21 u 26 mill-produttori tal-Unjoni.

- (62) Parti interessata minnhom (produttur esportatur mill-Eġittu) affermat li l-limitu massimu ta' 15 % fil-kategorija 1 li ġie introdott fit-Tieni Rieżami tal-Estensjoni rrestrinġa l-flussi kummerċjali tradizzjonali tagħhom. Il-parti interessata argumentat li l-volumi storiċi tal-esportazzjoni tagħhom lejn l-UE qabżu dan il-limitu massimu b'mod sinifikanti.

## 5. Valutazzjoni tal-Kummissjoni

- (63) Il-Kummissjoni qieset is-sitwazzjoni attwali u l-prospetti tal-kapaċità żejda globali, kif ukoll is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni u l-aħħar żviluppi li jikkonċernaw il-miżuri kummerċjali fuq l-importazzjonijiet tal-azzar adottati minn pajjiżi terzi, kif deskritt fit-Taqsima 3. Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni ddeterminat li l-ġestjoni tat-TRQs jeħtieġ li tiġi adattata, biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżura u fl-interess tal-Unjoni.
- (64) Fid-dawl tal-kummenti li waslu mingħand il-partijiet interessati, il-Kummissjoni ddeċidiet li tevalwa s-sitwazzjoni fuq bażi ta' kategorija b'kategorija fis-26 kategorija kollha inklużi fis-salvagwardja. L-oġġettiv ta' dan l-approċċ huwa li jiżgura l-effettività tal-miżura f'kategoriji bi pressjoni sinifikanti fuq l-importazzjoni, filwaqt li ma jirrestrinġix bla bżonn l-oportunitajiet ta' akkwist għall-industriji utenti tal-Unjoni f'kategoriji fejn ma jkunx hemm pressjoni fuq l-importazzjoni.
- (65) Fil-valutazzjoni tagħha, il-Kummissjoni analizzat b'mod partikolari l-użu tal-kwota fis-sena ta' salvagwardja preċedenti, l-evoluzzjoni tal-konsum tal-Unjoni u s-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet f'kull kategoriji. Barra minn hekk, tqieset ukoll il-kapaċità disponibbli tal-industrija tal-Unjoni kif ukoll is-sorsi tal-provvista disponibbli u t-tassib speċifiku tal-partijiet interessati fir-rigward tal-użu tal-kwota. Il-Kummissjoni tat attenzjoni partikolari lill-iżviluppi ta' dawn il-fatturi fl-2024.
- (66) Fuq din il-bażi, deher li filwaqt li f'ċerti kategoriji l-miżura għadha effettiva, f'ħafna oħrajn seħħet żieda fil-volumi tal-importazzjoni li hija sproporzjonata mal-iżvilupp tal-konsum li rriżultat fi pressjoni sinifikanti fuq l-importazzjoni, kemm fil-volumi kif ukoll fil-prezzijiet.
- (67) Madankollu, fost il-kategoriji fejn teżisti pressjoni fuq l-importazzjoni, din ma hijiex intensa b'manjera uniformi. Barra minn hekk, id-distribuzzjoni tal-importazzjonijiet fost is-sorsi disponibbli tvarja wkoll bejn il-kategoriji. F'ċerti kategoriji ż-żieda fl-importazzjonijiet kienet ġejja minn sors wieħed jew minn ftit sorsi li użaw il-biċċa l-kbira tal-volumi disponibbli tal-kwota residwa, u b'hekk eskludew lill-fornituri tradizzjonali, filwaqt li fl-istess ħin eżerċitaw pressjoni sinifikanti fuq il-prezzijiet. Għalhekk, deher ċar li ma hemmx soluzzjoni waħda li ssolvi kwistjonijiet differenti kollha li ġew identifikati fil-kategoriji differenti.
- (68) Abbażi ta' dan, il-Kummissjoni identifikat il-kategoriji fejn l-effettività tal-miżura ġiet imminata u sseparathom skont is-serjetà tas-sitwazzjoni f'erba' gruppi:
- Grupp 1: pressjoni sinifikanti ħafna fuq l-importazzjoni
  - Grupp 2: pressjoni sinifikanti fuq l-importazzjoni
  - Grupp 3: pressjoni moderata fuq l-importazzjoni
  - Grupp 4: l-ebda pressjoni fuq l-importazzjoni
- (69) It-taqsimiet sussegwenti jippreżentaw deskrizzjoni dettaljata ta' kull grupp. Id-data sottostanti għal dawn l-analiżijiet tinsab fl-Anness III.

## Grupp 1

- (70) Dan il-grupp ikopri l-kategoriji 1A, 4A, 7, 21, 24. F'dawn il-kategoriji ġiet osservata pressjoni mill-importazzjoni sinifikanti ħafna. F'dawn il-kategoriji kollha, l-użu tal-kwota kien b'ħala medja ta' 84 %, filwaqt li fil-kategorija 4A l-użu kien ogħla minn 100 %. Bejn l-2021 u l-2024, il-konsum naqas b'mod sinifikanti f'dawn il-kategoriji. Il-konsum naqas b'27 % fil-kategorija 4A, u b'medja ta' 17 % fil-kategoriji 1A u 24 u 7 % fil-kategoriji 7 u 21. Fl-aktar perjodu reċenti, il-Kummissjoni osservat l-istess xejra. Bejn l-2023 u l-2024, il-konsum naqas f'kull kategorija, b'6 % fil-kategorija 7 u b'medja ta' 3 % fil-kategoriji 1, 4A u 24. Fil-kategorija 21, il-konsum naqas b'1 %. Fl-istess ħin, l-ishma tal-importazzjoni żdiedu b'mod sinifikanti fil-kategoriji kollha, b'9 % fil-kategorija 4A u sa 3 % fil-kategoriji 1A, 7, 21 u 24.

- (71) Mill-2021, l-użu tal-kapaċità tal-Unjoni naqas fil-kategoriji kollha, inkluż fl-aktar perjodu reċenti. B'użu medju tal-kapaċità li laħaq biss it-68 %, il-Kummissjoni qieset li hemm kapaċità disponibbli sinifikanti f'dawn il-kategoriji.

## Grupp 2

- (72) Dan il-grupp ikopri l-kategoriji 2, 5, 6, 14, 16, 17, 18, 20, 22 u 25B. F'dawn il-kategoriji, il-pressjoni tal-importazzjoni osservata, għalkemm inqas severa milli fil-grupp 1, kienet għadha sinifikanti. F'dawn il-kategoriji kollha, il-medja tal-użu tal-kwota kien ta' 90,2 %, filwaqt li fil-kategoriji 14, 18 u 25B l-użu kien ogħla minn 100 %. Bejn l-2021 u l-2024, il-konsum naqas b'mod sinifikanti f'kull kategorija ħlief f'waħda. Il-konsum naqas b'22 % fil-kategorija 2 u 16, u b'medja ta' 17 % fil-kategoriji 6, 14 u 18 u 8 % fil-kategoriji 5, 17, 20 u 22. Fl-istess ħin, l-ishma tal-importazzjoni żdiedu fil-kategoriji kollha. Fl-aktar perjodu reċenti, il-konsum beda jiżdied fil-kategoriji kollha ħlief fil-kategorija 14. Madankollu, il-pressjoni fuq l-importazzjoni baqgħet sinifikanti għaliex mill-2021 intużaw ħafna kwoti filwaqt li żdied is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet.
- (73) Mill-2021, l-użu tal-kapaċità tal-Unjoni naqas fil-kategoriji kollha. Din ix-xejra kompliet fl-aktar perjodu reċenti, bl-eċċezzjoni tal-kategoriji 5, 6 u 16, fejn kien hemm żieda żgħira fl-użu tal-kapaċità, għalkemm xorta ferm taħt il-livelli tal-2022. B'użu medju tal-kapaċità li laħaq biss l-54 % filwaqt li l-ogħla rata laqgħet is-70 % (kategorija 5), il-Kummissjoni qieset li hemm kapaċità sostanzjali disponibbli f'dawn il-kategoriji.

## Grupp 3

- (74) Dan il-grupp ikopri l-kategoriji 3B, 13, 15, 26. F'dawn il-kategoriji, l-użu tal-kwota kellu medja ta' 65 %. Bejn l-2021 u l-2024, il-konsum naqas fil-kategoriji kollha filwaqt li l-importazzjonijiet żdiedu b'mod partikolari. Bejn l-2023 u l-2024, fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji fejn il-konsum naqas, is-sehem tal-importazzjoni naqas ukoll (il-kategoriji 3B, 15 u 26). Għalhekk, meta jitqiesu l-użi tal-kwota f'kull kategorija, il-pressjoni tal-importazzjoni f'dan il-grupp kienet aktar moderata.
- (75) Mill-2021, l-użu tal-kapaċità tal-Unjoni naqas fil-kategoriji kollha. Din ix-xejra ssuktat fl-aktar perjodu reċenti, bl-eċċezzjoni tal-kategoriji 13 u 15, fejn kien hemm żieda żgħira fl-użu tal-kapaċità, għalkemm xorta taħt il-livelli tal-2022. B'użu medju tal-kapaċità li laħaq biss l-60 % filwaqt li l-ogħla rata laqgħet is-67 % (kategorija 26), il-Kummissjoni qieset li hemm kapaċità sostanzjali disponibbli f'dawn il-kategoriji.

## Grupp 4

- (76) Dan il-grupp ikopri l-kategoriji 1B, 3A, 4B, 8, 9, 10, 12, 19, 25A, 27 u 28. F'dan il-grupp, ma nstabt l-ebda pressjoni jew pressjoni minima mill-importazzjoni, peress l-kwoti ma tantx intużaw fil-kategoriji kollha ħlief waħda. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ma tapplika l-ebda aġġustament f'dawn il-kategoriji sabiex ma tirrestrinġix l-opportunitajiet ta' akkwist għall-industriji utenti tal-UE bla bżonn. Fil-kategorija 4B, il-partijiet interessati ppreżentaw evidenza konvinċenti li turi li ż-żamma tal-istatus quo tallinja mal-aħjar interessi tal-Unjoni.
- (77) Mill-2021, l-użu tal-kapaċità tal-Unjoni naqas fil-kategoriji kollha. Din ix-xejra kompliet fl-aktar perjodu reċenti, iżda r-rata tal-użu qed tiżdied fil-kategoriji 4B, 8, 9 u 19, għalkemm għadha taħt il-livelli tal-2022. B'użu medju tal-kapaċità li laħaq is-56 % biss, flimkien mal-użu medju baxx tal-kwota (inqas minn 50 %), il-Kummissjoni qieset li ma ġiet identifikata l-ebda pressjoni mill-importazzjoni u li huwa fl-interess tal-Unjoni li ma taġġustax il-miżura f'dawn il-kategoriji.

## 6. Aġġustamenti

- (78) Wara li identifikat il-kategoriji fejn l-effettività tal-miżura ġiet imminata, il-Kummissjoni qieset li kien meħtieġ li tintroduċi serje ta' aġġustamenti u rfinar għall-ġestjoni tat-TRQs f'dawn il-kategoriji, biex tallinjahom aħjar mal-evoluzzjoni tas-suq u biex ittejjeb il-funzjonament tal-miżura. Filwaqt li xi wħud minn dawk l-aġġustamenti huma ta' natura orizzontali, il-biċċa l-kbira huma speċifiċi għal ċerti kategoriji ta' prodotti.

6.1. *Kategorija tal-prodott 1 – Folji u strixxi mhux illigati u oħrajn illigati illaminati bis-sħana*

- (79) Parti interessata waħda kkummentat dwar l-esklużjoni ta' prodott speċifiku ħafna fil-kategorija 1 b'ħala konsegwenza tal-introduzzjoni tal-limitu massimu ta' 15 % fit-tieni rieżami tal-funzjonament.
- (80) Il-Kummissjoni tqis li dawn il-prodotti huma speċjalizzati ħafna u għandhom valur ferm oġġla meta mqabbla ma' prodotti oħra fil-kategorija 1.
- (81) Fil-valutazzjoni tagħha l-Kummissjoni kkonfermat li l-introduzzjoni ta' limitu ta' 15 %, fl-ewwel jum u fit-tliet istanzi minn mindu ġie introdott f'Lulju 2024, kellha l-konsegwenza mhux ippjanata li teżawrixi s-subkwota 09.8452 fil-kwota residwa ta' kategorija 1. <sup>(40)</sup> <sup>(41)</sup> <sup>(42)</sup> Dan wassal biex il-prodotti niċċa fil-kategorija 1 taħt il-kodiċi tan-NM 7212 60 00 ma setgħux igawdu l-benefiċċju ta' kwota mingħajr dazju.
- (82) L-aktar mod xieraq biex din is-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv huwa li din il-kategorija tinqasam fi tnejn: subTRQ (kategorija 1B) tkopri l-kodiċi NM imsemmi hawn fuq tal-prodott speċifiku ħafna, filwaqt li l-kodiċijiet li jifdal huma inklużi fil-kategorija 1A. Din il-qasma ma tidher li toħloq ebda piż sproporzjonat għall-awtoritajiet doganali. Il-flussi kummerċjali tal-prodott 1B li jintużaw għall-ikkalkolar ta' TRQs xierqa jinsabu fit-Tabella 9.

Tabella 9

**Importazzjonijiet fil-kategorija 1B f'tunnellati**

|                             | Sena 2015 | Sena 2016 | Sena 2017 | Medja 2015-2017 |
|-----------------------------|-----------|-----------|-----------|-----------------|
| Importazzjonijiet totali 1B | 6 341     | 6 217     | 10 615    | 7 724           |
| Il-Federazzjoni Russa       | 2 030     | 1 786     | 6 194     | 3 337           |
| Il-Ġappun                   | 1 816     | 1 976     | 1 985     | 1 926           |
| L-Istati Uniti              | 1 679     | 1 398     | 1 391     | 1 489           |
| Ir-Renju Unit               | 135       | 400       | 645       | 393             |
| Pajjiżi oħra                | 681       | 656       | 399       | 579             |

Sors: EUROSTAT

- (83) Il-qasma proposta tiżgura d-disponibbiltà tal-volumi meħtieġa għall-prodott niċċa fl-Unjoni u tippreserva l-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' volumi u oriġini.

6.2. *Aġġustament orizzontali*

6.2.1. *Rata ta' liberalizzazzjoni*

- (84) Skont ir-regoli tad-WTO <sup>(43)</sup> u tal-UE <sup>(44)</sup>, Membru tad-WTO li japplika miżura ta' salvagwardja għandu jilliberalizzaha progressivament wara sena ta' impożizzjoni f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni. L-għan tal-liberalizzazzjoni huwa li progressivament tippermetti aktar kompetizzjoni ta' importazzjoni fis-suq waqt li l-industrija domestika tkun qed taġġusta għal livell akbar ta' importazzjonijiet.

<sup>(40)</sup> [https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/dds2/taric/quota\\_tariff\\_details.jsp?Lang=en&StartDate=2024-07-01&Code=098452](https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_tariff_details.jsp?Lang=en&StartDate=2024-07-01&Code=098452).

<sup>(41)</sup> [https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/dds2/taric/quota\\_tariff\\_details.jsp?Lang=en&StartDate=2024-10-01&Code=098452](https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_tariff_details.jsp?Lang=en&StartDate=2024-10-01&Code=098452).

<sup>(42)</sup> [https://ec.europa.eu/taxation\\_customs/dds2/taric/quota\\_tariff\\_details.jsp?Lang=en&StartDate=2025-01-01&Code=098452](https://ec.europa.eu/taxation_customs/dds2/taric/quota_tariff_details.jsp?Lang=en&StartDate=2025-01-01&Code=098452).

<sup>(43)</sup> L-Artikolu 7.4 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji.

<sup>(44)</sup> L-Artikolu 19(4) tar-Regolament Bażiku dwar is-Salvagwardji.

- (85) Il-liġi tad-WTO ma tistabbilixxi l-ebda rekwiżit partikolari dwar il-forma jew ir-ritmu konkret tal-liberalizzazzjoni, għajr li tali liberalizzazzjoni jenħtieġ li sseħħ progressivament f'intervalli regolari matul il-perjodu ta' applikazzjoni.
- (86) Il-miżura ta' salvagwardja tal-azzar tal-UE ġiet liberalizzata kull sena mill-2019 u l-adeqwatezza tar-rata ta' liberalizzazzjoni ġiet ivvalutata u mmodifikata f'diversi okkażjonijiet. <sup>(45)</sup> Ir-rata ta' liberalizzazzjoni annwali kurrenti, minn Lulju 2024, hija ta' 1 %.
- (87) Sabiex tiddetermina l-adeqwatezza tal-livell attwali ta' liberalizzazzjoni, il-Kummissjoni wettqet kemm analiżi li tħares lura kif ukoll analiżi li tħares 'il quddiem.
- (88) Fil-valutazzjoni tagħha li tħares lura, id-data turi li r-rata ta' liberalizzazzjoni qabżet l-evoluzzjoni tal-konsum. Filwaqt li t-TRQs ġew liberalizzati bi kważi 25 % (inkluża ż-żieda ta' 5 % applikabbli minn Frar 2019), il-konsum tal-UE naqas b'14 % matul l-istess perjodu. Fl-2024, id-domanda globali għall-azzar naqset b'1 % (-18-il miljun tunnellata) meta titqabbel mal-2023, u b'hekk komplet twessa' d-distakk għall-2024 b'+1,7 %. Dawn ix-xejriet opposti wessgħu b'mod sinifikanti d-distakk bejn il-livell tat-TRQs u d-domanda tas-suq.
- (89) Kif inhu spjegat fit-Taqsim 3 hawn fuq, fir-rigward tal-valutazzjoni li tħares 'il quddiem, l-aħħar prospetti tas-suq dwar il-konsum dinji tal-azzar li s-suq tal-Unjoni mistenni jsegwi, jipprevedu rkupru modest fl-2025 (li jilħaq il-livelli tal-2023).
- (90) Fid-dawl tax-xejra reċenti u l-prospetti negattivi dwar il-konsum tal-azzar fid-dinja u s-suq tal-azzar tal-Unjoni, il-Kummissjoni qieset li mhux fl-interess tal-Unjoni li żżid aktar id-differenza kbira attwali bejn il-pass taż-żieda fil-volum tat-TRQ u dak tal-konsum tal-azzar. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li ż-żamma jew iż-żieda tar-rata attwali ta' 1 % jimminaw serjament l-effettività tal-miżura.
- (91) Għal dawn ir-raġunijiet, il-Kummissjoni tqis li rata ta' liberalizzazzjoni ta' 0,1 % kienet xierqa biex tiġi żgurata l-effettività tal-miżura.
- (92) Konsegwentement, it-TRQs se jkomplu jiżiedu b'0,1 % mill-1 ta' Lulju 2025 għall-kategoriji kollha tal-prodotti. Il-volumi speċifiċi għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2025 sat-30 ta' Ġunju 2026 (fuq bażi trimestrali) jinsabu fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.
- (93) Flimkien ma' aġġustamenti oħra ppreżentati f'dan ir-Regolament, din ir-rata ta' liberalizzazzjoni se tikkontribwixxi għal titjib fl-effettività tal-miżura f'perjodu fejn is-suq tal-Unjoni qed isofri tensjonijiet sinifikanti xprunati mill-importazzjoni, ikkawżati mill-effetti negattivi tal-kapaċità żejda u r-reazzjonijiet li jirriżultaw għaliha madwar id-dinja, f'kuntest ta' domanda dgħajfa. L-utenti tal-Unjoni se jkomplu jkollhom biżżejjed volumi mingħajr dazju disponibbli taħt it-TRQs eżistenti.

6.2.2. Aġġornament tal-lista tal-Pajjiżi Membri tad-WTO li qed jiżviluppaw esklużi mill-kamp ta' applikazzjoni tal-miżura abbażi tal-livell l-aktar reċenti tal-importazzjonijiet tagħhom

- (94) Skont it-taqsim 2.C tan-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ħabbret li se tirrieżamina jekk l-importazzjonijiet minn Membru tad-WTO li qed jiżviluppa qabżux il-limitu ta' 3 % fil-perjodu rilevanti (l-2024) u, jekk meħtieġ, taġġorna l-lista tal-pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw li jenħtieġ li jiġu inklużi jew esklużi mill-ambitu tal-miżura.
- (95) Skont l-Artikolu 9 tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji u l-Artikolu 18 tar-Regolament dwar Salvagwardja Bażika, ma għandhiex tiġi applikata miżura ta' salvagwardja fuq prodott li joriġina minn Pajjiż Membru tad-WTO li qed jiżviluppa, sakemm is-sehem ta' importazzjonijiet tiegħu jibqa' taħt it-3 % tal-importazzjonijiet totali f'kategorija ta' prodott partikolari. Jekk is-sehem tal-importazzjonijiet mill-Pajjiżi Membri tad-WTO kollha li qed jiżviluppaw b'limitu ta' anqas minn 3 % jammonta għal aktar minn 9 % tal-importazzjonijiet totali f'kategorija partikolari, il-miżura ta' salvagwardja tapplika għall-pajjiżi membri tad-WTO li qed jiżviluppaw kollha. Il-Kummissjoni rrevediet u aġġornat il-lista tal-pajjiżi li qed jiżviluppaw fuq bażi regolari.

<sup>(45)</sup> Il-livell ta' liberalizzazzjoni tnaqqas mill-5 % mħabbar għal 3 % fl-Ewwel Rieżami tal-Funzjonament ta' Settembru 2019, u żdied minn 3 % għal 4 % bħala riżultat tat-Tielet Rieżami tal-Funzjonament f'Ġunju 2022.

- (96) L-aħħar aġġornament tal-lista sar f'Ġunju 2024, fil-kuntest tal-investigazzjoni ta' rieżami biex tiġi vvalutata estensjoni possibbli tal-miżura ta' salvagwardja. <sup>(46)</sup> Bħall-investigazzjonijiet ta' rieżami preċedenti, il-Kummissjoni aġġornat il-lista ta' pajjiżi li qed jiżviluppaw soġġetti għal u esklużi mill-miżura abbażi ta' kalkolu tas-sehem tagħhom tal-importazzjonijiet bl-użu tad-data tal-importazzjoni kkonsolidata disponibbli l-aktar reċenti, jiġifieri l-istatistika tal-importazzjoni tas-sena 2024. L-ebda bidla fil-metodoloġija segwita fir-rieżamijiet preċedenti ma kienet meqjusa xierqa.
- (97) Il-bidliet li jirriżultaw minn dan l-aġġornament li huma applikabbli mill-1 ta' April 2025 huma dawn li ġejjin (tabella aġġornata fl-Anness I għal dan ir-Regolament):
- Iċ-Ċina hija inkluża fil-kategoriji 1B, 3A u 15;
  - L-Eġittu huwa inkluż fil-kategorija 1A;
  - L-Indja hija inkluża fil-kategoriji 1A, 1B, 3A u 5 u eskluża mill-kategorija 3B;
  - L-Indoneżja hija eskluża mill-kategorija 16;
  - Il-Każakistan huwa inkluż fil-kategorija 19;
  - Il-Malażja hija inkluża fil-kategorija 9;
  - L-Oman huwa inkluż fil-kategorija 13;
  - Is-Sawdi Arabja hija inkluża fil-kategorija 25A;
  - It-Tajlandja hija inkluża fil-kategorija 9;
  - It-Turkija hija inkluża fil-kategoriji 1A u 5 u eskluża mill-kategoriji 3A u 8;
  - L-Emirati Għarab Magħquda huma esklużi mill-kategorija 25A;
  - Il-Vjetnam huwa inkluż fil-kategoriji 1A, 5, 16 u 22 u eskluż mill-kategorija 3B.

### 6.3. Aġġustamenti mmirati

#### 6.3.1. Aġġustamenti 1: l-aċċess ta' detenturi tal-kwoti speċifiċi tal-pajjiż għall-kwota residwa

- (98) Minħabba s-sistema ta' trasferiment ta' kwoti mhux użati minn trimestru għal trimestru f'sena ta' salvagwardja, <sup>(47)</sup> l-aħħar trimestru tas-sena ta' salvagwardja (April-Ġunju) normalment ikun it-trimestru fejn il-volumi mhux użati jkun l-ogħla. Sabiex jiġi massimizzat l-użu tal-kwoti fi tmiem is-sena ta' salvagwardja, il-Kummissjoni qieset li jkun fl-interess tal-Unjoni li tintroduċi mekkaniżmu fir-Regolament dwar Salvagwardja Definitiva li bih esportaturi akbar li jkun eżawrew il-kwota speċifika tal-pajjiżi tagħhom setgħu jaċċessaw ukoll il-volumi tal-kwoti residwi fl-aħħar trimestru. L-objettiv ta' dan il-mekkaniżmu kien li jiġi evitat li potenzjalment il-volumi tal-kwoti residwi jibqgħu ma jintużawx.
- (99) Skont l-ewwel rieżami tal-funzjonament fl-2019, il-Kummissjoni osservat li din is-sistema tista' tirriżulta f'esklużjoni bla bżonn ta' fornituri iżgħar fil-kwoti residwi. Din ix-xejra żdiedet għal aktar kategoriji wara l-2019. Għalhekk, fit-tieni rieżami tal-funzjonament, il-Kummissjoni fasslet sistema li biha l-aċċess ta' detenturi ta' kwoti speċifiċi tal-pajjiżi għall-kwota residwa fl-aħħar trimestru ta' sena ta' salvagwardja jkun ibbażat fuq l-użu attwali tal-kwota residwa fit-trimestri preċedenti minn dawk il-pajjiżi soġġetti għat-TRQ residwa. Dan l-aġġustament fittex li jipproteġi l-flussi fl-aħħar trimestru ta' fornituri iżgħar li huma l-benefiċjarji naturali tal-kwoti residwi. <sup>(48)</sup>

<sup>(46)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1782 tal-24 ta' Ġunju 2024 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159, inkluż l-estensjoni tad-data ta' skadenza tas-salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L, 2024/1782, 25.6.2024, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2024/1782/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2024/1782/oj)).

<sup>(47)</sup> Is-sena ta' salvagwardja tal-UE tibda fl-1 ta' Lulju ta' sena partikolari u tispiċċa fit-30 ta' Ġunju tas-sena ta' wara.

<sup>(48)</sup> Ara t-Taqsim 3.2.3 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/894 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definitivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar.

(100) Sabiex jiġi minimizzat l-ispostament ta' oriġini tradizzjonali fil-kwoti residwi, filwaqt li tkompli tippermetti aċċess addizzjonali f'dawk il-kategoriji fejn kien meħtieġ li jiġi żgurat l-użu massimu tal-kwota, il-Kummissjoni ħolqot sistema li biha kull kategorija ta' prodott tkun taqa' taħt wieħed minn dawn it-tliet gruppi differenti li ġejjin, li jikkorrispondu għal tliet xenarji ta' aċċess differenti. Din is-sistema ssodisfat wieħed mill-prinċipji u l-għanijiet ewlenin tal-miżura ta' salvagwardja, jiġifieri, li tiżgura li l-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' oriġini jiġu ppreservati.

(101) It-tliet reġimi attwalment fis-seħħ huma dawn li ġejjin:

- **L-ebda aċċess** – fejn il-fornituri eżistenti taħt il-kwoti residwi setgħu jeżawrixxu l-kwoti residwi waħedhom, u kienu ġew identifikati effetti ta' esklużjoni fl-aħħar trimestru;
- **Aċċess limitat** – fejn il-fornituri eżistenti setgħu jużaw biss parti mill-kwota residwa disponibbli għalihom, u kienu meħtieġa oriġini addizzjonali, f'ammonti limitati, biex il-kwoti jiġu eżawriti;
- **L-ebda limitazzjoni** – fejn il-kwoti residwi ma ntużawx ħafna u ma ġie identifikat l-ebda effett ta' esklużjoni.

(102) Is-sistema tippermetti lid-detenturi ta' kwoti speċifiċi għall-pajjiż jaqbżu l-flussi kummerċjali tradizzjonali tagħhom fil-biċċa l-kbira tal-kategoriji ta' prodotti billi jaċċessaw il-kwota residwa fl-aħħar trimestru ta' perjodu meta l-fornituri eżistenti ma setgħux jużaw il-kwoti kollha. Il-Kummissjoni tfakkar li dan il-mekkaniżmu inizzjalment ġie introdott fl-interess tal-Unjoni biex jiġi evitat li l-volumi tal-kwoti residwi potenzjalment jibqgħu mhux użati, għax inkella jistgħu jiġu limitati l-opportunitajiet ta' akkwist u l-provvista għall-industriji utenti tal-UE.

(103) Madankollu, fil-kuntest attwali tad-deċellerazzjoni ġenerali fis-suq tal-azzar tal-Unjoni, il-Kummissjoni tqis li ma għadux xieraq li d-detenturi tal-kwoti speċifiċi għall-pajjiż f'dawk il-kategoriji fejn ġew identifikati pressjoni tal-importazzjoni u tnaqqis fil-konsum jingħataw aċċess għat-trimestru 4 (il-gruppi 1, 2 u 3). F'dawn il-każijiet, l-importazzjonijiet kellhom impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni, kif deskritt fit-Taqsima 3.3.

(104) Barra minn hekk, abbażi tat-tweġibiet għall-kwestjonarju tal-industrija tal-Unjoni, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li f'dawn il-kategoriji kollha l-industrija tal-Unjoni kellha kapacià biżżejjed biex tissodisfa d-domanda potenzjali tal-utenti.

(105) Abbażi ta' dan, ir-reġimi ta' aċċess għal kull kategorija ta' prodott jenħtieġ li jiġu adattati kif ġej (għall-volumi speċifiċi ara l-Anness II għal dan ir-Regolament):

- L-ebda aċċess: 1A, 2, 3B, 4A, 5, 6, 13, 14, 15, 16, 18, 19, 20, 21, 22, 24, 25B, 26
- Aċċess: 1B, 3A, 9, 10, 12, 27, 28.

Il-kategoriji li għalihom din is-sistema ma tapplikax huma dawn li ġejjin:

Reġim speċjali: 4B

- Ir-reġim attwali li jagħti aċċess għall-kwota residwa fl-aħħar trimestru lill-pajjiżi tas-CSQ b'limitu massimu ta' 30 % għal kull pajjiż esportatur għadu xieraq sabiex tiġi żgurata varjeta' suffiċjenti ta' sorsi ta' provvista filwaqt li jiġu evitati effetti ta' esklużjoni permezz ta' importazzjonijiet addizzjonali eċċessivi lil hinn mill-flussi kummerċjali tradizzjonali.
- Amministrazzjoni globali: 7, 8, 17, 25A.
- Il-possibbiltà ta' aċċess għall-aħħar trimestru mhijiex applikabbli, peress li ma hemm l-ebda pajjiż li jesporta inqas mill-kwota speċifika għall-pajjiż.

(106) B'dawn l-aġġustamenti, il-prinċipji ewlenin tal-miżura ta' salvagwardja, jiġifieri, li jinżammu l-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' oriġini, mhux se jiġu mminati.

(107) Il-bidliet li jirriżultaw minn dan l-aġġornament huma applikabbli mill-1 ta' April 2025.

### 6.3.2. Aġġustament 2: volumi ta' sanzjonijiet

- (108) Wara l-gwerra ta' aggressjoni mingħajr provokazzjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, l-Unjoni Ewropea pprojbixxiet l-importazzjoni ta' ċerti prodotti tal-azzar li joriġinaw mill-Belarusja u mir-Russja.<sup>(49)</sup> Bħala riżultat ta' dawn il-miżuri, l-importazzjonijiet mill-Belarusja u mir-Russja soġġetti għall-miżura ta' salvagwardja ma setgħux jibqgħu jkunu jistgħu jidħlu fl-Unjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li huwa fl-interess tal-Unjoni li taġġusta l-funzjonament tal-miżura ta' salvagwardja billi tiddistribwixxi mill-ġdid il-volumi tal-importazzjoni li joriġinaw mir-Russja u mill-Belarusja (il-volumi tas-sanzjonijiet) f'kull kategorija ta' prodotti fejn dawn il-pajjiżi kellhom kwoti speċifiċi għall-pajjiż, fost pajjiżi esportaturi oħra soġġetti għall-miżura ta' salvagwardja abbażi tal-ishma rispettivi tagħhom tal-importazzjonijiet ġenerali fl-2021.
- (109) Il-Kummissjoni tfakkar li din id-deċiżjoni ttieħdet fl-interess tal-Unjoni, f'konformità mal-prospetti tas-suq f'dak iż-żmien, sabiex jiġi żgurat li dawn il-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni ma johlqux nuqqas ta' provvista fis-suq tal-Unjoni fil-kategoriji affettwati, u li l-utenti tal-azzar tal-Unjoni jkunu jistgħu jkomplu jakkwistaw dawk il-volumi mingħajr dazju minn sorsi oħra. Din id-deċiżjoni żiedet l-aċċess tas-sħab kummerċjali kollha għal volumi mingħajr dazju, lil hinn mill-flussi kummerċjali tradizzjonali tagħhom.
- (110) Madankollu, kif spjegat fit-Taqsima 3 hawn fuq, minħabba l-kuntest attwali ta' deċellerazzjoni ġenerali fis-suq tal-azzar tal-Unjoni u l-prospetti tiegħu, il-Kummissjoni tqis li ma għadux fl-interess tal-Unjoni li dawn il-volumi jkunu disponibbli fil-kategoriji li fihom l-industrija tal-Unjoni qed tiffaċċja l-aktar pressjoni qawwija fuq l-importazzjoni, u fejn il-konsum naqas b'mod partikolari.
- (111) Għalhekk, sabiex tinżamm l-effettività tal-miżura, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li r-ridistribuzzjoni preċedenti titreġġa' lura kompletament jew parzjalment f'dawk il-kategoriji li jaqgħu taħt il-gruppi 1 u 2.
- (112) Għaldaqstant, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li treġġa' lura din ir-ridistribuzzjoni fil-kategorija 24. Din il-kategorija hija kkaratterizzata minn xejra ta' tnaqqis fil-konsum fl-2024 (-7 %), filwaqt li l-importazzjonijiet żiedu s-sehem mis-suq (+ 4 %). It-tregġiġh lura tar-ridistribuzzjoni se jallinja t-TRQs mad-domanda attwali u prevista, mingħajr ir-riskju ta' nuqqas ta' provvista peress li se jibqgħu disponibbli volumi suffiċjenti mingħajr dazju għall-industriji tal-utenti.
- (113) Għall-kategoriji 1A, 7, 16, u 21, il-Kummissjoni tqis ukoll li huwa xieraq li treġġa' lura r-ridistribuzzjoni sa 65 % tal-volumi. Dawn il-kategoriji juru tnaqqis fil-konsum fl-2024, filwaqt li l-importazzjonijiet kisbu sehem mis-suq. Madankollu, it-tregġiġh lura tar-ridistribuzzjoni tal-volumi sħaħ soġġetti għal sanzjonijiet jirriskja nuqqas ta' provvista għall-industriji utenti. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li żżomm 35 % tal-volumi soġġetti għal sanzjonijiet f'dawn il-kategoriji ridistribwiti fuq l-oriġini kollha.

<sup>(49)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/355 tat-2 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Belarusja (ĠU L 67, 2.3.2022, p. 1), u Regolament tal-Kunsill (UE) 2022/428 tal-15 ta' Marzu 2022 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 833/2014 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-azzjonijiet tar-Russja li jiddestabilizzaw is-sitwazzjoni fl-Ukrajna (ĠU L 87 I, 15.3.2022, p. 13)

- (114) Il-volumi speċifiċi jinstabu fl-Anness II ta' dan ir-Regolament. Il-bidliet li jirriżultaw minn dan l-aġġornament huma applikabbli mill-1 ta' April 2025.

### 6.3.3. Aġġustament 3: limiti massimi fil-kwoti residwi

- (115) Fit-tfassil tal-miżura ta' salvagwardja definittiva, u fir-rieżamijiet ta' funzjonament sussegwenti, il-Kummissjoni fittxet li tippreserva l-flussi kummerċjali tradizzjonali f'termini ta' volumi u oriġini. L-għan tal-preservazzjoni tal-volumi tradizzjonali ntlaħaq bil-kalkolu tat-TRQs abbażi tal-flussi tal-kummerċ preċedenti, filwaqt li l-għan tal-preservazzjoni tal-oriġini tradizzjonali ntlaħaq billi jiġu stabbiliti kwoti speċifiċi għall-pajjiż.
- (116) Madankollu, din is-sistema rriżultat f'pajjiżi fornituri tradizzjonali iżgħar, li ma kinux jikkwalifikaw għal kwota speċifika għall-pajjiż f'ċerti kategoriji ta' prodotti, li potenzjalment kienu esposti għal effett ta' "esklużjoni" fit-TRQs residwi. Għalhekk, fit-tieni rieżami tal-estensjoni, il-Kummissjoni qieset li kien xieraq li jiġi introdott limitu massimu ta' 15 % għal kull pajjiż uniku fil-kategoriji 1 u 16.
- (117) Fid-dawl tal-affermazzjonijiet tal-partijiet interessati li ċerti esportaturi żiedu b'mod sinifikanti l-esportazzjonijiet tagħhom f'kategoriji speċifiċi fi ħdan il-kwota residwa, li rriżulta fl-esklużjoni ta' oħrajn, il-Kummissjoni vvalutat is-sitwazzjoni f'kull waħda mis-26 kategorija. L-analiżi kkonfermat li l-iżviluppi reċenti tas-suq irriżultaw fi tnaqqis tal-esportazzjonijiet tal-fornituri tradizzjonali lejn l-Unjoni taħt il-kwoti residwi f'xi kategoriji filwaqt li l-esportazzjonijiet minn fornituri oħra żdiedu taħt l-istess kwoti residwi. Din il-bidla fil-flussi kummerċjali fixxlet il-bilanċ tal-oriġini fit-TRQs residwi, u b'hekk kellha impatt negattiv fuq il-funzjonament tal-miżura f'xi kategoriji.
- (118) F'kategoriji oħra, il-Kummissjoni identifikat riskju ta' esklużjoni. Kif ġie diskuss fit-Taqsima 3, diversi fatturi jikkontribwixxu għal dan ir-riskju, primarjament l-aħħar żviluppi li jikkonċernaw il-miżuri kummerċjali fuq l-importazzjonijiet tal-azzar adottati minn pajjiżi terzi, flimkien mal-kwistjoni persistenti tal-kapaċità globali żejda, iż-żieda fl-esportazzjonijiet tal-azzar miċ-Ċina u ż-żieda fil-kapaċità installata madwar id-dinja. Dawn l-iżviluppi joħlqu aktar tensjonijiet fis-swieq tal-azzar, u b'hekk iżidu r-riskju imminenti tal-esklużjoni tal-flussi kummerċjali tradizzjonali minħabba devjazzjoni addizzjonali tal-kummerċ fl-Unjoni.
- (119) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li huwa xieraq li timponi limitazzjoni fuq il-volum massimu li pajjiż wieħed jista' jesporta taħt it-TRQ residwa f'dawk il-kategoriji fejn isseħħ l-esklużjoni, jew fejn ikun ġie identifikat riskju ta' esklużjoni.
- (120) Il-Kummissjoni kellha l-għan li tikkalibra l-livelli tal-limiti massimi biex tiżgura bilanċ bejn il-prevenzjoni (ir-riskju ta') esklużjoni u ż-żamma ta' opportunitajiet ta' akkwist adegwati għall-industriji utenti tal-UE.
- (121) Fid-dawl tal-valutazzjoni ta' hawn fuq, u wara kunsiderazzjoni bir-reqqa tal-interessi kollha involuti, jenħtieġ li jiġu applikati l-limiti li ġejjin għall-pajjiżi u l-kategoriji:
- |                                 |      |
|---------------------------------|------|
| Kategoriji 1A, 2:               | 13 % |
| Kategoriji 16, 17:              | 15 % |
| Kategoriji 4B, 6, 7, 13:        | 20 % |
| Kategoriji 4A, 5, 14:           | 25 % |
| Kategoriji 3B, 20, 21, 25B, 26: | 30 % |
- (122) Dawn il-livelli ġew identifikati bl-għan li l-fornituri stabbiliti taħt il-kwota residwa jkunu jistgħu jkomplu jesportaw il-flussi kummerċjali storiċi (u liberalizzati) tagħhom, filwaqt li tinżamm l-istabbiltà tal-flussi kummerċjali tradizzjonali għall-pajjiżi li kienu f'riskju li jiġu esklużi.
- (123) Il-Kummissjoni tqis li dawn l-aġġustamenti huma fl-interess ġenerali tal-Unjoni peress li l-limiti massimi kkalibrati jtejbju l-funzjonament u l-effettività tal-miżura ta' salvagwardja billi jimminimizzaw ir-riskju ta' esklużjoni bla bżonn. Fl-istess ħin, jiżguraw diversità suffiċjenti fis-sorsi tal-provvista għall-utenti tal-UE, u b'hekk jippermettullhom aċċess kontinwu għal għażliet ta' akkwist kompetittivi u varjati.

(124) Il-bidliet li jirriżultaw minn dan l-aġġornament huma applikabbli mill-1 ta' April 2025.

#### 6.3.4. Aġġustament 4: trasferiment

- (125) Il-Kummissjoni qieset li huwa fl-interess tal-Unjoni li tippermetti lill-utenti tal-Unjoni jagħmlu l-aħjar użu mill-volumi mingħajr dazju skont it-TRQs u konsegwentement fir-Regolament Definitiv tippermetti li l-allokazzjonijiet tal-kwoti tariffarji trimestrali mhux użati jiġu trasferiti awtomatikament għall-perjodu li jmiss.
- (126) Madankollu, fl-investigazzjoni preżenti, il-Kummissjoni osservat li tali trasferiment tal-volumi kkontribwixxa għal żieda fil-pressjoni fuq l-importazzjoni f'ċerti trimestri u f'ċerti kategoriji.
- (127) Filwaqt li qieset il-kuntest attwali ta' deċellerazzjoni ġenerali fis-suq tal-azzar tal-Unjoni u l-prospetti tiegħu, il-Kummissjoni qieset li l-fatt li jista' jsir dan it-trasferiment ta' kwoti mhux użati ma għadux fl-interess tal-Unjoni, b'mod partikolari fil-kategoriji li fihom l-industrija tal-Unjoni qed tiffaċċja l-aktar pressjoni qawwija fuq l-importazzjoni, u fejn il-konsum naqas fl-2024.
- (128) Fuq din il-bażi, il-Kummissjoni tqis li l-possibbiltà li l-volumi mhux użati jiġu trasferiti minn trimestru tal-kwota għal ieħor jenħtieġ li titħassar fil-kategoriji fejn tiġi identifikata pressjoni sinifikanti fuq l-importazzjoni (il-gruppi 1 u 2), jiġifieri fil-kategoriji 1, 2, 4A, 5, 6, 7, 14, 16, 17, 18, 20, 21, 22, 24, 25B.
- (129) Il-Kummissjoni tqis li l-mekkaniżmu ta' trasferiment jibqa' xieraq fil-kategoriji fejn tiġi identifikata pressjoni baxxa fuq l-importazzjoni (gruppi 3 u 4), jiġifieri fil-kategoriji 3A, 3B, 4B, 8, 9, 10, 12, 13, 15, 19, 25A, 26, 27, 28.
- (130) Il-bidliet li jirriżultaw minn dan l-aġġornament huma applikabbli mill-1 ta' Lulju 2025.

#### 6.3.5. Aġġustamenti mhux segwiti

##### *Bidla fil-perjodu ta' referenza*

- (131) It-TRQs, sew jekk speċifiċi għall-pajjiż kif ukoll jekk residwi, ġew allokati abbażi tal-prestazzjoni tal-esportazzjoni fil-perjodu ta' referenza tal-investigazzjoni oriġinali. <sup>(50)</sup> Dan il-perjodu ta' referenza ma jistax jinbidel, kif ġie ssuġġerit mill-industrija tal-Unjoni, peress li l-kalkolu mill-ġdid tat-TRQs kollha abbażi ta' flussi aktar reċenti li huma koperti mill-miżura jmur kontra l-oġettiv tar-rispett tal-flussi kummerċjali tradizzjonali.

##### *Żieda fid-dazju barra mill-kwota*

- (132) Il-Kummissjoni tinnota li ż-żieda fid-dazju barra mill-kwota tmur kontra l-obbligu ta' liberalizzazzjoni progressiva tal-miżura skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament ta' Salvagwardja Bażiku u l-Artikolu 7(4) tal-Ftehim tad-WTO dwar is-Salvagwardji.

##### *Allokazzjoni tad-dazji fuq il-bażi ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel*

- (133) Fir-rigward tat-talba dwar il-qsim prorata tad-dazju fil-jum tal-eżawriment tal-kwota, l-Artikolu 51.4 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 <sup>(51)</sup> jistabbilixxi li d-dazji għandhom jiġu allokati fuq bażi prorata.

<sup>(50)</sup> Ara l-premessa (33) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/894 tad-29 ta' Ġunju 2020 li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/159 li jimponi miżuri definitivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar, ĠU L 206, 30.6.2020, p. 27: "Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni tosserva wkoll li l-perjodu referenzjarju użat biex jiġu kkalkulati l-kwoti tariffarji jikkostitwixxi wieħed mill-pilastru fit-tfassil tal-miżuri stabbiliti *ab initio* mir-Regolament dwar Salvagwardja Definitiva, u li l-kamp ta' applikazzjoni tar-Rieżami ma jkoprix il-modifika sostanzjali tal-istruttura bażika tal-miżuri".

<sup>(51)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠU L 343, 29.12.2015, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2015/2447/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2015/2447/oj))

- (134) L-industrija tal-Unjoni affermat li, madankollu, l-implimentazzjoni ta' tali sistema hija possibbli. Minkejja dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni tqis li l-introduzzjoni ta' reġim ta' allokkazzjoni ta' dazji ta' min jiġi l-ewwel jinqeda l-ewwel mhijiex Prattika biex tiġi implimentata. Sistema bħal din tiddependi fuq l-identifikazzjoni taż-żmien eżatt tar-reġistrazzjonijiet tal-importazzjoni, li min-naħa tiegħu jkun influwenzat minn fatturi esterni bħall-effiċjenza u l-ħeffa tas-27 awtorità doganali nazzjonali fir-reġistrazzjoni tal-importazzjonijiet. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni tqis li approċċ bħal dan ma jkunx fl-interess tal-Unjoni, peress li jista' joħloq inċertezzi legali sostanzjali għall-importaturi tal-UE.
- (135) Madankollu, il-Kummissjoni tqis li l-kwistjoni sottostanti, li hija l-eżawriment rapidu ħafna ta' ċerti TRQs, ta' sikwit f'jum wieħed, se tiġi indirizzata permezz ta' aġġustamenti oħra, b'mod partikolari l-introduzzjoni ta' limiti massimi fuq il-volum massimu li pajjiż wieħed jista' jesporta taħt it-TRQ residwa f'kategoriji fejn iseħħ tali eżawriment rapidu.

*Amministrazzjoni globali tal-kwoti f'ċerti kategoriji*

- (136) Ċerti partijiet interessati argumentaw li l-kwota f'ċerti kategoriji jenħtieġ li tiġi globalizzata biex jiġi ffaċilitat l-użu sħiħ tal-volum allokat filwaqt li tiġi żgurata distribuzzjoni ekwa fost is-sħab esportaturi kollha.
- (137) Il-Kummissjoni tinnotta li fir-Regolament Definitiv <sup>(52)</sup> ġie deċiż li sistema ta' kwoti tariffarji speċifika għall-pajjiż hija l-aktar sistema xierqa biex jiġu żgurati l-flussi kummerċjali tradizzjonali u għalhekk ġiet prestabbilita din is-sistema. Il-Kummissjoni introduċiet amministrazzjoni globali f'ċirkostanzi eċċezzjonali biss u minħabba talbiet ġustifikati kif imiss. <sup>(53)</sup>
- (138) Il-Kummissjoni tqis li l-partijiet interessati ma tawx ġustifikazzjoni suffiċjenti għar-raġuni għaliex s-sistema prestabbilita mhijiex adattata għall-kategoriji speċifikati, u lanqas ma wrew kif aġġustament bħal dan iservi l-interess ġenerali tal-Unjoni.

*Id-dħul mill-ġdid tal-kwoti speċifiċi għall-pajjiż għall-orġini li jesportaw prodotti soġġetti għal dazji anti-dumping*

- (139) L-industrija tal-Unjoni sostniet li l-prodotti tal-azzar Ċiniżi, minkejja li huma soġġetti għal miżuri anti-dumping, għadhom jidħlu fis-suq tal-UE bi prezzijiet estremament baxxi. Il-Kummissjoni tinnotta li l-introduzzjoni mill-ġdid ta' kwoti speċifiċi għall-pajjiż fil-konfront taċ-Ċina f'kategoriji fejn qabel dawn il-volumi kienu ridistribwiti minħabba l-preżenza ta' miżuri anti-dumping mhux se tindirizza t-tħassib tal-industrija tal-Unjoni, peress li l-importazzjonijiet miċ-Ċina għadhom jidħlu fis-suq, għalkemm taħt kwota speċifika għall-pajjiż minflok.

**6.3.6. Bidliet oħra fiċ-ċirkostanzi li jistgħu jkunu jeħtieġu aġġustament fil-livell ta' allokkazzjoni tal-kwoti tar-rata tariffarja**

*Flussi kummerċjali tradizzjonali affettwati fil-kategorija 1 minħabba limiti massimi*

- (140) Parti interessata minnhom (produttur esportatur mill-Eġittu) affermat li l-limitu massimu ta' 15 % fil-kategorija 1 li ġie introdott fit-tieni rieżami tal-estensjoni rrestrinġa l-flussi kummerċjali tradizzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni tinnotta li din l-affermazzjoni mhija ssostanzjata bl-ebda data tal-parti interessata. Minkejja dan, f'konformità mal-analiżi tagħha stess, il-Kummissjoni tqis li din id-dikjarazzjoni mhijiex korretta. Il-volumi storiċi tal-esportazzjoni tal-Eġittu lejn l-UE ma jaqbżux il-limitu massimu ta' 15 %, u lanqas il-limitu ta' 13 %.

<sup>(52)</sup> Ara l-premessa 146 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/159 tal-31 ta' Jannar 2019 li jimponi miżuri definitivi ta' salvagwardja kontra l-importazzjonijiet ta' ċerti prodotti tal-azzar (ĠU L 31, 1.2.2019, p. 27, ELI: [http://data.europa.eu/eli/reg\\_impl/2019/159/oj](http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/159/oj)).

